KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
EMILIOU
mogħtija fit-30 ta' Jannar 2025 [1]

Kawża C-759/23

PJ Carroll & Company Ltd,
Nicoventures Trading Ltd
vs
Il-Ministru tas-Saħħa,
L-Irlanda,
L-Avukat Ġenerali,
Partijiet magħquda:
Philip Morris Ltd,
Philip Morris Products SA,
Philip Morris Manufacturing & Technology Bologna SpA

(Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Qorti Għolja (l-Irlanda))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Suq intern – Saħħa pubblika – Direttiva 2014/40/UE – Manifattura, preżentazzjoni u bejgħ tat-tabakk u prodotti relatati – Artikoli 7 u 12 – Validità tad-Direttiva Delegata (UE) 2022/2100 – Artikolu 290(1) TFUE – Setgħat iddelegati lill-Kummissjoni Ewropea – Elementi essenzjali – Prodotti tat-tabakk ġodda – Prodotti tat-tabakk imsaħħan – Ingredjenti – Tikkettar"

I. Introduzzjoni

1. Din il-kawża tirrigwarda l-interpretazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2014/40/EU tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri rigward il-manifattura, il-preżentazzjoni u l-bejgħ tat-tabakk u prodotti relatati u li tħassar id-Direttiva 2001/37/KE [2].

2. Id-Direttiva 2014/40 għandha l-għan li ttejjeb il-funzjonament tas-suq intern għal dawn il-prodotti, filwaqt li tiżgura livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa pubblika, b'mod speċjali għaż-żgħażagħ. Għal dan il-għan, hija tipprevedi, *inter alia*, li (i) Stati Membri għandhom jipprojbixxu t-tqegħid fis-suq ta' prodotti tat-tabakk b'togħma karatterizzanti ("il-projbizzjoni

[1] Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

[2] ĠU 2014, L 127, p. 1, rettifika fil-ĠU 2015, L 150, p. 24.

tal-aromi") u (ii) kull pakkett individwali u kull ippakkjar estern ta' prodotti tat-tabakk għandu jkollu twissijiet tas-saħħa u messaġġi ta' informazzjoni ("l-obbligu ta' tikkettar") (flimkien, "l-obbligi inkwistjoni").

3. Fl-istess ħin, hija tipprevedi ċerti *eżenzjonijiet* mill-obbligi inkwistjoni, b'mod partikolari, għal prodotti tat-tabakk li huma ġeneralment ikkunsmati minn konsumaturi iktar anzjani u gruppi iżgħar tal-popolazzjoni. Madankollu, id-direttiva tawtorizza wkoll lill-Kummissjoni Ewropea tadotta *atti delegati* sabiex tirtira l-eżenzjonijiet inkwistjoni għal kategorija ta' prodott partikolari ("l-irtirar ta' eżenzjonijiet"), jekk ikun hemm bidla sostanzjali taċ-ċirkustanzi, jiġifieri żieda sinjifikattiva jew f'volumi ta' bejgħ ta' dik il-kategorija ta' prodott jew tal-livell ta' prevalenza tal-użu minn konsumaturi żgħażagħ.

4. Din il-kawża tqajjem il-kwistjoni dwar jekk il-Kummissjoni setgħetx, permezz tad-Direttiva Delegata (UE) 2022/2100 [3], tirtira b'mod validu l-eżenzjonijiet fir-rigward ta' kategorija ta' prodott maħluqa mill-ġdid, jiġifieri prodotti tat-tabakk imsaħħan. Sabiex tingħata risposta għal din id-domanda, għandu jiġi aċċertat jekk, meta għamlet dan, il-Kummissjoni eċċedietx is-setgħat iddelegati lilha mil-leġiżlatur tal-Unjoni permezz tad-Direttiva 2014/40.

5. Din hija, naturalment, kwistjoni li għandha sinjifikat kostituzzjonali peress li l-prinċipju tal-ekwilibriju istituzzjonali, li huwa element karatteristiku tal-istruttura istituzzjonali tal-Unjoni Ewropea, jirrikjedi li kull istituzzjoni għandha teżerċita l-kompetenzi tagħha b'osservanza ta' dawk tal-oħrajn [4]. Huwa għalhekk importanti li, meta jirriżultaw dubji bħal dawk imqajma mill-qorti tar-rinviju, il-Qorti tal-Ġustizzja tkun tista' tivverifika jekk, meta eżerċitat is-setgħat iddelegati lilha taħt l-Artikolu 290 TFUE, il-Kummissjoni osservatx il-limitazzjonijiet tad-delega tas-setgħat kif "espliċitament iddefiniti" fl-att prinċipali [5].

II. Il-kuntest ġuridiku

A. Id-dritt tal-Unjoni Ewropea

1. Id-Direttiva 2014/40

6. Il-premessi 8, 15, 19, 22 sa 24, 26, 34, 35, 51 u 52 tad-Direttiva 2014/40 jistipulaw:

"(8) Skont l-Artikolu 114(3) [TFUE], għandu jittieħed bħala bażi għal proposti leġiżlattivi livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa […] Il-prodotti tat-tabakk mhumiex komoditajiet ordinarji u minħabba l-effetti partikolarment dannużi tat-tabakk fuq is-saħħa tal-bniedem, il-protezzjoni tas-saħħa għandha tingħata importanza kbira, b'mod partikolari, biex titnaqqas il-prevalenza tat-tipjip fost iż-żgħażagħ.

[…]

[3] Direttiva Delegata tad-29 ta' Ġunju 2022 li temenda d-Direttiva 2014/40 fir-rigward tal-irtirar ta' ċerti eżenzjonijiet fir-rigward tal-prodotti tat-tabakk imsaħħan (ĠU 2022, L 283, p. 4, rettifika fil-ĠU 2023, L 188, p. 62).

[4] Ara, pereżempju, is-sentenza tat-22 ta' Novembru 2022, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (Adeżjoni mal-Att ta' Genève) (C-24/20, EU:C:2022:911, punt 83).

[5] Ara, pereżempju, is-sentenza tas-26 ta' Lulju 2017, Ir-Repubblika Ċeka vs Il-Kummissjoni (C-696/15 P, EU:C:2017:595, punti 49 u 51).

(15) In-nuqqas ta' approċċ armonizzat għar-regolamentazzjoni tal-ingredjenti ta' prodotti tat-tabakk jaffettwa t-tħaddim bla xkiel tas-suq intern u għandu impatt negattiv fuq il-moviment liberu tal-prodotti mal-Unjoni kollha. […] Mingħajr armonizzazzjoni, l-ostakli tat-tħaddim bla xkiel tas-suq intern huma mistennija li jiżdiedu fis-snin li ġejjin, filwaqt li titqies l-implimentazzjoni tal-[Konvenzjoni Qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ dwar il-Kontroll tat-Tabakk ('FCTC')] u l-linji gwida rilevanti tal-FCTC[6] fl-Unjoni kollha u fid-dawl tal-esperjenza miksuba f'ġuriżdizzjonijiet oħra barra l-Unjoni. Il-linji gwida tal-FCTC fir-rigward tar-regolamentazzjoni tal-kontenuti tal-prodotti tat-tabakk u r-regolamentazzjoni tal-iżvelar tal-prodott tat-tabakk jitolbu partikolarment it-tneħħija tal-ingredjenti li jżidu l-palat, joħolqu l-impressjoni li prodotti tat-tabakk għandhom benefiċċji għas-saħħa, huma assoċjati mal-enerġija u l-vitalità jew ikollhom proprjetajiet koloranti.

[…]

(19) Meta jitqies il-fokus tad-Direttiva fuq iż-żgħażagħ, il-prodotti tat-tabakk għajr is-sigaretti u t-tabakk tal-brim, għandhom jingħataw eżenzjoni minn ċerti rekwiżiti dwar l-ingredjenti sakemm ma jkunx hemm bidla sostanzjali taċ-ċirkostanzi f'termini ta' volumi ta' bejgħ jew xejriet tal-konsum taż-żgħażagħ.

[…]

(22) Għadhom jeżistu disparitajiet bejn id-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar it-tikkettar tal-prodotti tat-tabakk […]

(23) Dawn id-disparitajiet jistgħu joħolqu ostaklu għall-kummerċ u jimpedixxu t-tħaddim bla xkiel tas-suq intern tal-prodotti tat-tabakk, u għandhom għalhekk jiġu eliminati. […]

(24) L-adattament tad-dispożizzjonijiet dwar it-tikkettar huwa meħtieġ ukoll sabiex ir-regoli li japplikaw fil-livell tal-Unjoni jiġu allinjati mal-iżviluppi internazzjonali. Pereżempju l-linji gwida dwar l-FCTC dwar l-ippakkjar u t-tikkettar tal-prodotti tat-tabakk jitolbu biex ikun hemm twissijiet kbar bl-istampi fuq iż-żewġ naħat prinċipali tal-pakketti, informazzjoni obbligatorja dwar il-waqfien mit-tipjip u regoli stretti dwar informazzjoni qarrieqa.

[…]

(26) Għal prodotti tat-tabakk għat-tipjip, għajr is-sigaretti u l-prodotti tat-tabakk tal-brim, li prinċipalment jiġu kkunsmati minn konsumaturi ta' età akbar u gruppi żgħar tal-popolazzjoni, għandhom jistgħu jibqgħu jingħataw eżenzjoni minn ċerti rekwiżiti tat-tikkettar sakemm ma jkunx hemm bidla sostanzjali ta' ċirkostanzi f'termini ta' volumi ta' bejgħ jew fix-xejriet tal-konsum taż-żgħażagħ. […]

[…]

(34) Il-prodotti kollha tat-tabakk għandhom il-potenzjal li jikkawżaw mortalità, morbożità u diżabilità. […] Għalhekk, huwa importanti li jiġu mmonitorjati l-iżviluppi rigward prodotti tat-tabakk ġodda. […]

[6] Konvenzjoni Qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa dwar il-Kontroll tat-Tabakk, Gwida għal implimentazzjoni, Artikolu 5.3, Artikolu 8, Artikoli 9 u 10, Artikolu 11, Artikolu 12, Artikolu 13, Artikolu 14.

(35) Sabiex jiġu żgurati kondizzjonijiet indaqs, il-prodotti tat-tabakk ġodda, li huma prodotti tat-tabakk kif definit f'din id-Direttiva, għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva.

[…]

(51) Sabiex jiġi żgurat li din id-Direttiva hija kompletament operattiva u biex tiġi adattata għall-iżviluppi tekniċi, xjentifiċi u internazzjonali fil-manifattura, il-konsum u r-regolamentazzjoni tat-tabakk, is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti f'konformità mal-Artikolu 290 TFUE għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-[…] l-irtirar ta' ċerti eżenzjonijiet mogħtija lil prodotti tat-tabakk li mhumiex sigaretti u takakk tal-brim […].

(52) Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-iżviluppi rigward l-implimentazzjoni u l-impatt ta' din id-Direttiva u tippreżenta rapport sal-21 ta' Mejju 2021, u meta jkun neċessarju wara dan, sabiex jiġi vvalutat jekk ikunux meħtieġa emendi għal din id-Direttiva. Ir-rapport għandu jinkludi informazzjoni dwar […] l-iżviluppi tas-suq li jikkonċernaw prodotti tat-tabakk ġodda, l-iżviluppi tas-suq li jammontaw għal bidla sostanzjali ta' ċirkostanza […]."

7. L-Artikolu 2 tad-Direttiva 2014/40 jinkludi d-definizzjonijiet segwenti:

"(4) 'prodotti tat-tabakk' tfisser prodotti li jistgħu jiġu kkunsmati u li jikkonsistu, anki parzjalment, mit-tabakk, kemm jekk ġenetikament modifikati kemm jekk le;

(5) 'prodott tat-tabakk li ma jdaħħanx' tfisser prodott tat-tabakk li ma jinvolvix il-proċess ta' kombustjoni, inkluż it-tabakk tal-magħda, it-tabakk tal-imnieħer u t-tabakk għall-użu orali;

[…]

(9) 'prodotti tat-tabakk għat-tipjip' tfisser prodott tat-tabakk għajr prodott tat-tabakk li ma jdaħħanx;

[…]

(14) 'prodott tat-tabakk ġdid' tfisser prodott tat-tabakk li:

(a) ma jaqa' taħt l-ebda waħda mill-kategoriji li ġejjin: sigaretti, tabakk tal-brim, tabakk tal-pipa, tabakk tal-pipa tal-ilma, sigarri, sigarri żgħar, tabakk tal-magħda, tabakk tal-imnieħer jew tabakk għall-użu orali; u

(b) jitqiegħed fis-suq wara d-19 ta' Mejju 2014;

[…]

(28) 'bidla sostanzjali taċ-ċirkostanzi' tfisser żieda tal-volumi tal-bejgħ skont il-kategorija tal-prodotti b'mill-inqas 10 % f'mill-anqas ħames Stati Membri abbażi tad-data tal-bejgħ trażmessa f'konformità mal-Artikolu 5(6) jew żieda tal-livell ta' prevalenza tal-użu fil-grupp tal-konsumaturi li għandhom inqas minn 25 sena b'mill-anqas ħames punti perċentwali f'mill-anqas ħames Stati Membri għall-kategorija tal-prodott rispettiva bbażata fuq ir-rapport Speċjali tal-Ewrobarometru nru 385 ta' Mejju 2012 jew studji ta' prevalenza

ekwivalenti; fi kwalunkwe każ ma jkunx meqjus li seħħet bidla sostanzjali taċ-ċirkostanzi jekk il-volum tal-bejgħ tal-kategorija ta' prodott fil-livell bl-imnut ma jeċċedix [2.5] % tal-bejgħ totali tal-prodotti tat-tabakk fil-livell tal-Unjoni".

8. L-Artikolu 5(6) tad-Direttiva 2014/40, li jirrigwarda r-rapportar tal-ingredjenti u l-emissjonijiet, jistipula:

"6. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu lill-manifatturi u l-importaturi biex jippreżentaw studji interni u esterni li jkollhom disponibbli dwar ir-riċerka tas-suq u l-preferenzi ta' diversi gruppi ta' konsumaturi, inklużi ż-żgħażagħ u dawk li attwalment ipejpu, fir-rigward tal-ingredjenti u l-emissjonijiet, kif ukoll sommarji eżekuttivi ta' kwalunkwe stħarriġ tas-suq li huma jwettqu meta jillanċjaw prodotti ġodda. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu ukoll li l-manifatturi u l-importaturi jirrappurtaw il-volumi tal-bejgħ tagħhom għal kull ditta u tip, irrappurtat f'unitajiet jew kilogrammi, u għal kull Stat Membru fuq bażi annwali li tibda mill-1 ta' Jannar 2015. L-Istati Membri għandhom jipprovdu kwalunkwe data oħra dwar il-volum tal-bejgħ li hija disponibbli għalihom."

9. L-Artikolu 7 tad-Direttiva 2014/40 intitolat "Regolamentazzjoni ta' ingredjenti", qabel ma ġie emendat bid-Direttiva Delegata 2022/2100, kien jistipula:

"1. L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu t-tqegħid fis-suq ta' prodotti tat-tabakk b'togħma karatterizzanti.

[…]

7. L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu t-tqegħid fis-suq ta' prodotti tat-tabakk li fihom aromi fi kwalunkwe wieħed mill-komponenti tagħhom bħal filtri, karti, pakketti, kapsuli jew kwalunkwe karatteristika teknika li tippermetti l-modifika tar-riħa jew tat-togħma tal-prodotti tat-tabakk ikkonċernati jew l-intensità ta' duħħan tagħhom. […]

[…]

12. Il-prodotti tat-tabakk għajr is-sigaretti u t-tabakk tal-brim għandhom ikunu eżentati mill-projbizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 1 u 7. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 27, sabiex tirtira dik l-eżenzjoni għal kategorija partikolari ta' prodott jekk ikun hemm bidla sostanzjali taċ-ċirkustanzi kif stabbilit f'rapport tal-Kummissjoni.

[…]"

10. L-Artikoli 9 u 10 tad-Direttiva 2014/40 jistipulaw, rispettivament, it-"twissijiet ġenerali u messaġġi ta' informazzjoni fuq il-prodotti tat-tabakk għat-tipjip" u t-"twissijiet tas-saħħa kkombinati flimkien għal prodotti tat-tabakk għat-tipjip" li pakketti individwali u ppakkjar estern ta' prodotti tat-tabakk għandhom juru.

11. L-Artikolu 11 tad-Direttiva 2014/40 (intitolat "It-tikkettar tal-prodotti tat-tabakk għat-tipjip għajr sigaretti, it-tabakk tal-brim u t-tabakk tal-pipi tal-ilma"), qabel ma ġie emendat bid-Direttiva Delegata 2022/2100, kien jistipula:

"1. L-Istati Membri jistgħu jeżentaw lill-prodotti tat-tabakk għat-tipjip għajr is-sigaretti, it-tabakk tal-brim u t-tabakk tal-pipi tal-ilma mill-obbligi li jintwera l-messaġġ tal-informazzjoni stabbilit skont l-Artikolu 9(2) u t-twissijiet tas-saħħa kkombinati stipulati fl-Artikolu 10. […]

[…]

6. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 27, sabiex tirtira l-possibbiltà li jingħataw eżenzjonijiet għal kwalunkwe kategorija partikolari tal-prodotti msemmija fil-paragrafu 1 jekk ikun hemm bidla sostanzjali taċ-ċirkustanzi kif stabbilit f'rapport tal-Kummissjoni għall-kategorija ta' prodotti kkonċernata."

12. L-Artikolu 19 (intitolat "Notifika dwar prodotti tat-tabakk ġodda") tad-Direttiva 2014/40, jaqra bil-mod segwenti:

"1. L-Istati Membri għandhom jesiġu li l-manifatturi u l-importaturi tal-prodotti tat-tabakk ġodda jippreżentaw notifika lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri bi kwalunkwe tali li beħsiebhom iqiegħdu fis-swieq nazzjonali kkonċernati. […]

[…]

2. […] L-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli lill-Kummissjoni l-informazzjoni kollha li jirċievu skont dan l-Artikolu.

3. L-Istati Membri jistgħu jintroduċu sistema għall-awtorizzazzjoni ta' prodotti tat-tabakk ġodda. […]

4. Prodotti tat-tabakk ġodda imqiegħda fis-suq għandhom jirrispettaw ir-rekwiżiti ta' din id-Direttiva. Liema mid-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva japplikaw għall-prodotti tat-tabakk ġodda tiddependi fuq jekk dawn il-prodotti ma jaqgħux taħt id-definizzjoni ta' prodott tat-tabakk li ma jdaħħanx jew ta' prodott tat-tabakk għat-tipjip."

13. L-Artikolu 28 (intitolat "Rapport") tad-Direttiva 2014/40, jistipula:

"1. Mhux aktar tard minn ħames snin mill-20 ta' Mejju 2016, u kull meta jkun meħtieġ wara dan, il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni rapport dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

[…]

2. Fir-rapport, il-Kummissjoni għandha tindika, b'mod partikolari, l-elementi tad-Direttiva li għandhom jiġu riveduti jew adattati fid-dawl tal-iżviluppi xjentifiċi u tekniċi, inkluż l-iżvilupp ta' regoli miftehma internazzjonalment u standards dwar it-tabakk u prodotti relatati. Il-Kummissjoni għandha tagħti attenzjoni speċjali lil:

[…]

(c) l-iżviluppi tas-suq li jikkostitwixxu bidla sostanzjali taċ-ċirkostanzi;

[…]

3. Ir-rapport għandu jiġi segwit minn proposti li jemendaw din id-Direttiva, li l-Kummissjoni tqis meħtieġa biex tadattah — sal-punt meħtieġ għall-funzjonament bla xkiel tas-suq intern — għall-iżviluppi fil-qasam tat-tabakk u l-prodotti konnessi, u biex jingħata kont ta' żviluppi ġodda bbażati fuq fatti xjentifiċi u żviluppi dwar standards għat-tabakk u għall-prodotti relatati miftiehma internazzjonalment."

2. Id-Direttiva Delegata 2022/2100

14. L-Artikolu 1 tad-Direttiva Delegata 2022/2100 jemenda l-Artikolu 7(12) u l-Artikolu 11 tad-Direttiva 2014/40 kif ġej.

15. Fir-rigward tal-Artikolu 7(12) tad-Direttiva 2014/40, "prodotti tat-tabakk imsaħħan" ġew miżjuda mal-lista ta' kategoriji (jiġifieri, sigaretti u tabakk tal-brim) li, taħt l-ewwel subparagrafu ta' dik id-dispożizzjoni ma humiex eżentati mill-projbizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 1 u 7 tal-Artikolu 7. Barra minn hekk, f'din id-dispożizzjoni żdied it-tieni subparagrafu li jistipula:

"Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, 'prodott tat-tabakk imsaħħan' tfisser prodott tat-tabakk ġdid li jissaħħan biex jipproduċi emissjoni li jkun fiha n-nikotina u sustanzi kimiċi oħra, li mbagħad tingħibed man-nifs mill-utent(i), u li, skont il-karatteristiċi tiegħu, huwa prodott tat-tabakk li ma jdaħħanx jew prodott tat-tabakk għat-tipjip".

16. Min-naħa l-oħra, l-Artikolu 11 ġie emendat b'żewġ modi. L-ewwel nett, it-titolu tad-dispożizzjoni ġie ssostitwit bis-segwenti: "It-tikkettar tal-prodotti tat-tabakk għat-tipjip għajr sigaretti, it-tabakk tal-brim, it-tabakk tal-pipi tal-ilma u l-prodotti tat-tabakk imsaħħan". It-tieni nett, fl-ewwel subparagrafu paragrafu 1 tiegħu, "prodotti tat-tabakk imsaħħan kif definit fl-Artikolu 7(12), it-tieni subparagrafu" ġew miżjuda mal-lista ta' kategoriji (jiġifieri, sigaretti, tabakk tal-brim u tabakk tal-pipi tal-ilma) li ma jistgħux jiġu eżentati mill-obbligi li juru l-messaġġ ta' informazzjoni u twissijiet stipulati fl-Artikolu 9(2) u fl-Artikolu 10 tad-direttiva.

B. Id-dritt Irlandiż

17. L-Irlanda ttrasponiet id-Direttiva Delegata 2022/2100 permezz tar-Regolamenti tal-Unjoni Ewropea 2023 (Manifattura, Preżentazzjoni u Bejgħ tat-Tabakk u Prodotti Relatati) (Emenda) ("ir-Regolamenti tal-2023").

III. Il-fatti, il-proċeduri nazzjonali u d-domandi preliminari magħmula

18. F'Jannar 2023, PJ Carroll & Company Limited u Nicoventures Trading Limited, u Philip Morris Limited, Philip Morris Products SA u Philip Morris Manufacturing & Technology Bologna SpA (flimkien, "ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali"), fetħu proċeduri quddiem il-Qorti Għolja (l-Irlanda) fejn talbu, *inter alia*, dikjarazzjoni li r-Regolamenti tal-2023 li jittrasponu d-Direttiva Delegata 2022/2100 fid-dritt Irlandiż huma invalidi. Ir-rikorrenti sostnew li d-Direttiva Delegata 2022/2100 kienet invalida peress li l-Kummissjoni eċċediet is-setgħat iddelegati lilha bis-saħħa tad-Direttiva 2014/40. B'mod partikolari, huma jargumentaw li

l-Kummissjoni ma kellhiex is-setgħa li toħloq kategorija ġdida ta' prodotti minn fost dawk li jaqgħu fid-definizzjoni ta' "prodotti tat-tabakk ġodda", u li ma setgħetx tirtira l-eżenzjonijiet fir-rigward ta' dik il-kategorija ġdida ta' prodotti. Fl-opinjoni tagħhom, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2014/40 li jawtorizzaw lill-Kummissjoni jagħmlu dan ma japplikawx għal prodotti tat-tabakk ġodda.

19. Peress li kellha dubji dwar l-interpretazzjoni korretta tad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti Għolja ssospendiet il-proċeduri quddiemha u għamlet id-domandi preliminari segwenti lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) Id-Direttiva Delegata [2022/2100] hija invalida għar-raġuni li teċċedi s-setgħat mogħtija mill-Artikolu 7(12) u mill-Artikolu 11(6) tad-Direttiva 2014/40 […], moqrija fid-dawl tal-Artikolu 290 TFUE u b'teħid inkunsiderazzjoni tal-Artikolu 2(14) u tal-Artikoli 19 u 28 tad-Direttiva 2014/40?

2) Id-Direttiva Delegata 2022/2100 hija invalida għar-raġuni li l-Kummissjoni ma kellhiex id-dritt tikkonkludi li kien hemm bidla sostanzjali taċ-ċirkostanzi fis-sens tal-Artikolu 7(12) u/jew tal-Artikolu 11(6) u/jew tal-Artikolu 2(28) tad-Direttiva 2014/40 […]?"

20. F'din il-kawża ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, mill-Irlanda, mill-Gvern Franċiż u dak Taljan u mill-Kummissjoni. Dawn il-partijiet ippreżentaw ukoll argumenti orali fis-seduta tat-28 ta' Novembru 2024.

IV. Analiżi

21. Permezz taż-żewġ domandi tagħha, il-qorti tar-rinviju titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tistħarreġ il-validità tad-Direttiva Delegata 2022/2100, li tirtira l-eżenzjonijiet fir-rigward tal-projbizzjoni tal-aromi u l-obbligu tat-tikkettar ("l-eżenzjonijiet") għal prodotti tat-tabakk imsaħħan, kategorija ġdida ta' prodotti maħluqa mill-Kummissjoni.

22. Il-qorti tar-rinviju tqajjem żewġ kwistjonijiet f'dan ir-rigward. L-ewwel kwistjoni hija ta' natura istituzzjonali u sostantiva: bid-Direttiva Delegata, il-Kummissjoni eċċediet is-setgħat iddelegati lilha taħt l-att prinċipali? It-tieni waħda hija iktar proċedurali u ċirkustanzjali fin-natura tagħha: il-kundizzjoni relatata ma' "bidla sostanzjali taċ-ċirkustanzi" kienet issodisfatta?

23. Għal raġunijiet ta' ċarezza, ser nenfasizza, mill-bidu, li ma huwiex ikkontestat li prodotti tat-tabakk imsaħħan jikkostitwixxu "prodotti tat-tabakk ġodda" għall-finijiet tad-Direttiva 2014/40. Fil-fatt, dawn ma jaqgħux f'xi waħda mill-kategoriji speċifiċi ddefiniti fl-Artikolu 2 tagħha u tpoġġew fis-suq l-ewwel darba wara d-19 ta' Mejju 2014.

24. Huwa wkoll pjuttost ovvju li, bħala regola, id-dispożizzjonijiet ta' dik id-direttiva li jirrigwardaw l-*obbligi inkwistjoni* japplikaw għal prodotti tat-tabakk ġodda. Fil-fatt, skont l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2014/40, il-projbizzjoni tal-aromi tapplika għal "prodotti tat-tabakk", li ovvjament tinkludi prodotti tat-tabakk ġodda. Bl-istess mod, skont l-Artikolu 9(2) u l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2014/40, l-obbligi tat-tikkettar japplikaw għal "prodotti tat-tabakk għat-tipjip", li jinkludu wkoll prodotti tat-tabakk ġodda, jekk huma prodotti għat-tipjip.

25. Bl-istess mod, prodotti tat-tabakk ġodda kienu (jew setgħu jkunu) *eżentati* mill-obbligi inkwistjoni peress li huma "prodotti tat-tabakk għajr sigaretti u tabakk tal-brim" (taħt l-Artikolu 7(12) tad-Direttiva 2014/40) u, jekk għat-tipjip, anki "prodotti tat-tabakk għat-tipjip għajr sigaretti, tabakk tal-brim u tabakk tal-pipi tal-ilma" (taħt l-Artikolu 11(1) tad-Direttiva 2014/40).

26. Dak li huwa kkontestat hija, essenzjalment, l-awtorità tal-Kummissjoni li tirtira, permezz ta' att delegat, l-eżenzjonijiet fir-rigward tal-prodotti tat-tabakk ġodda.

A. L-ewwel domanda

27. Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk, bil-ħolqien ta' kategorija ġdida ta' prodotti (prodotti tat-tabakk imsaħħan) u l-irtirar tal-eżenzjonijiet għal dik il-kategorija, il-Kummissjoni eċċedietx is-setgħat iddelegati lilha mill-leġiżlatur tal-Unjoni fl-Artikolu 7(12) u fl-Artikolu 11(6) tad-Direttiva 2014/40.

28. Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali u l-Gvern Taljan jargumentaw li, bid-Direttiva Delegata 2022/2100, il-Kummissjoni eċċediet id-delega tas-setgħa kif stipulata fid-Direttiva 2014/40 u emendat xi elementi essenzjali tagħha. Min-naħa l-oħra, l-Irlanda, il-Gvern Franċiż u l-Kummissjoni jieħdu l-pożizzjoni opposta, billi jargumentaw li d-dispożizzjonijiet dwar l-irtirar ta' eżenzjonijiet ukoll japplikaw għal prodotti tat-tabakk ġodda.

29. Fit-taqsimiet segwenti ser nispjega għaliex, minkejja li l-argumenti mressqa mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali u mill-Gvern Taljan għandhom ftit saħħa, jiena xorta ser nikkonkludi li, meta adottat id-Direttiva Delegata 2022/2100, il-Kummissjoni ma eċċedietx is-setgħat iddelegati lilha mil-leġiżlatur tal-Unjoni.

1. L-Artikolu 290(1) TFUE u l-"elementi essenzjali" tal-att prinċipali

30. Qabelxejn, għandi ngħid li, f'dawn il-proċeduri, il-partijiet li ppreżentaw osservazzjonijiet iddiskutew fit-tul dwar jekk id-Direttiva Delegata 2022/2100 emendatx xi "elementi essenzjali" tal-att prinċipali (id-Direttiva 2014/40) fis-sens tal-Artikolu 290(1) TFUE. Din id-dispożizzjoni tistipula:

"Att leġislattiv jista' jiddelega lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti mhux leġislattivi ta' applikazzjoni ġenerali sabiex jissumplimentaw jew jemendaw ċerti elementi mhux essenzjali ta' l-att leġislattiv.

L-objettivi, il-kontenut, il-kamp ta' l-applikazzjoni u d-durata tad-delega ta' setgħa għandhom jiġu definiti espressament fl-atti leġislattivi. L-elementi essenzjali ta' qasam għandhom ikunu riservati għall-att leġislattiv u għaldaqstant ma jistgħux ikunu s-suġġett ta' delega ta' setgħa."

31. Skont ġurisprudenza stabbilita, l-"elementi essenzjali" ta' att leġiżlattiv, skont l-Artikolu 290(1) TFUE, huma dawk li l-adozzjoni tagħhom "teħtieġ li jsiru *għażliet politiċi* li jaqgħu taħt ir-responsabbiltajiet infushom tal-leġiżlatur tal-Unjoni"[7]. Dan il-kunċett ma jistax jingħata kamp ta' applikazzjoni wiesa' żżejjed, peress li għandu jkun rriżervat għal

[7] Ara, pereżempju, is-sentenza tal-11 ta' Mejju 2017, Dyson vs Il-Kummissjoni (C-44/16 P, EU:C:2017:357, punt 61 u l-ġurisprudenza ċċitata). Enfasi miżjuda minni.

"dispożizzjonijiet li permezz tagħhom għandhom jitwettqu l-orjentamenti fundamentali tal-politika [rilevanti tal-Unjoni]" [8]. Dan huwa l-każ, b'mod partikolari, meta l-element inkwistjoni "[j]implika ponderazzjoni tal-interessi diverġenti inkwistjoni abbażi ta' evalwazzjonijiet multipli, jew [meta j]ippermetti interferenzi fi drittijiet fundamentali tal-persuni kkonċernati ta' tali importanza li l-intervent tal-leġiżlatur tal-Unjoni jkun neċessarju" [9].

32. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, jiena tal-opinjoni li d-Direttiva Delegata 2022/2100 *ma* temenda*x* xi element essenzjali tad-Direttiva 2014/40.

33. F'dak li jirrigwarda d-dispożizzjonijiet li huma rilevanti f'dawn il-proċeduri, fl-opinjoni tiegħi, hemm essenzjalment tliet għażliet politiċi ewlenin magħmula mil-leġiżlatur tal-Unjoni huma [10]. L-ewwel nett, bħala regola, ingredjenti li jżidu l-palat għandhom jitneħħew mill-prodotti [11], u pakketti individwali u ppakkjar estern ta' prodotti għandu jkollhom twissijiet tas-saħħa u messaġġi ta' informazzjoni [12]. It-tieni nett, xi eżenzjonijiet fir-rigward ta' dawk l-obbligi għandhom (jew jistgħu) jingħataw għal prodotti li "prinċipalment jiġu kkunsmati minn konsumaturi ta' età akbar u gruppi żgħar tal-popolazzjoni" [13]. It-tielet nett, dawk l-eżenzjonijiet għandhom jiġu rtirati meta jkun hemm "bidla sostanzjali taċ-ċirkustanzi" f'termini ta' volumi ta' bejgħ jew xejriet tal-konsum taż-żgħażagħ [14].

34. Jidhirli li l-ebda waħda minn dawn l-għażliet ewlenin ma hija affettwata bid-Direttiva Delegata 2022/2100, li hija sempliċement implimentazzjoni ta' dawk l-għażliet fir-rigward ta' tip ta' prodott ġdid. Id-deċiżjoni li jiġu rtirati l-eżenzjonijiet hija, fil-fatt, eżerċizzju pjuttost tekniku li fih il-Kummissjoni tgawdi diskrezzjoni teknika limitata sabiex tivverifika jekk il-kundizzjonijiet għall-irtirar (previsti fl-Artikolu 2(28) tad-Direttiva 2014/40) humiex issodisfatti, u ma għandha l-ebda diskrezzjoni politika (taħt l-Artikolu 7(12) u l-Artikolu 11(6) tad-Direttiva 2014/40 [15] dwar jekk l-eżenzjonijiet għandhomx jiġu irtirati [16].

35. Minbarra dan, l-argument li l-mod kif prodotti tat-tabakk ġodda għandhom jiġu rregolati taħt id-Direttiva 2014/40 għandu bżonn xi għażliet politiċi maġġuri lanqas ma huwa wisq iktar konvinċenti [17]. Fil-fatt, il-leġiżlatur tal-Unjoni diġà (i) stipula li "[i]l-prodotti kollha tat-tabakk għandhom il-potenzjal li jikkawżaw mortalità, morbożità u diżabilità [u g]ħalhekk il-manifattura, id-distribuzzjoni u l-konsum tagħhom għandhom jiġu rregolati" (premessa 34 tad-Direttiva 2014/40); (ii) għamilha ċara li "prodotti tat-tabakk ġodda […] huma prodotti tat-tabakk kif definit fid-[Direttiva 2014/40]" (premessa 35 tagħha); u (iii) iddeċieda li prodotti tat-tabakk ġodda "għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti ta[d-Direttiva 2014/40]" (premessa 35 ukoll tagħha).

8 Ara s-sentenza tas-27 ta' Ottubru 1992, Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni (C-240/90, EU:C:1992:408, punt 37).

9 Ara, *inter alia*, is-sentenza tas-26 ta' Lulju 2017, Ir-Repubblika Ċeka vs Il-Kummissjoni (C-696/15 P, EU:C:2017:595, punt 78).

10 Fuq din il-kwistjoni, b'mod simili, ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Kokott f'Philip Morris Brands *et* (C-547/14, EU:C:2015:853, punti 253 u 254).

11 Ara, b'mod partikolari, il-premessa 15 tad-Direttiva 2014/40.

12 Premessi 22 sa 25 tad-Direttiva 2014/40.

13 Premessi 19 u 26 tad-Direttiva 2014/40.

14 Ibid. Ara wkoll il-premessi 51 u 52 tad-Direttiva 2014/40.

15 B'mod partikolari, iż-żewġ dispożizzjonijiet jistipulaw li l-Kummissjoni "*għandha* tadotta atti delegati […] jekk ikun hemm bidla sostanzjali taċ-ċirkustanzi" (Enfasi miżjuda minni).

16 Għad-distinzjoni bejn diskrezzjoni teknika u diskrezzjoni politika, ara l-konklużjonijiet tiegħi f'BĊE vs Crédit lyonnais (C-389/21 P, EU:C:2022:844, punti 47 sa 53).

17 F'dan il-kuntest, nixtieq niġbed l-attenzjoni li, iktar 'il fuq, użajt it-termini għażliet politiċi "ewlenin" jew "maġġuri" peress li mill-ġurisprudenza msemmija fil-punt 31 hawn fuq jirriżulta li l-Artikolu 290(1) TFUE ma jipprekludix lil-leġiżlatur tal-Unjoni milli jiddelega setgħat li, għall-eżerċizzju tagħhom, jirrikjedu lill-Kummissjoni tagħmel għażliet diskrezzjonali (iddefiniti b'mod ristrett). Ara, għal dan il-għan, is-sentenza tas-26 ta' Lulju 2017, Ir-Repubblika Ċeka vs Il-Kummissjoni (C-696/15 P, EU:C:2017:595, punt 52).

36. Għalhekk, huwa ċar li l-Kummissjoni ma eċċedietx is-setgħa ddelegata tagħha billi ddeċidiet fuq element essenzjali tal-att prinċipali, bi ksur tal-Artikolu 290(1) TFUE. Issa ser indur għall-kwistjoni dwar jekk, meta adottat id-Direttiva Delegata 2022/2100, il-Kummissjoni ssodisfatx l-"objettivi, il-kontenut, il-kamp ta' l-applikazzjoni u d-durata tad-delega ta' setgħa" inklużi fl-Artikolu 7(12) u fl-Artikolu 11(6) tad-Direttiva 2014/40. Apparti mill-kwistjoni dwar jekk id-Direttiva Delegata tosservax il-limitazzjonijiet stipulati fl-Artikolu 290(1) TFUE (li japplika għall-atti ddelegati kollha), hemm ukoll il-kwistjoni dwar jekk tosservax il-limitazzjonijiet rikjesti mil-leġiżlatur tal-Unjoni fid-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva 2014/40.

37. Għal dan il-għan, issa ser niddiskuti t-tifsira u l-għan tal-Artikolu 7(12) u tal-Artikolu 11(6) tad-Direttiva 2014/40. Għandi ngħid, li dan ma huwiex faċli. Fil-fatt, il-kliem ta' ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2014/40 huwa pjuttost ambigwu u, irrispettivament mill-approċċ interpretattiv li jintuża fir-rigward ta' dawn id-dispożizzjonijiet, l-interazzjoni ta' bejniethom ma hijiex dejjem ċara.

38. Fit-taqsimiet li ġejjin ser nispjega għaliex jiena tal-opinjoni li, meta jiġi bbilanċjat kollox, l-argumenti li jikkonfermaw l-awtorità tal-Kummissjoni li tirtira l-eżenzjonijiet inkwistjoni ta' prodotti tat-tabakk ġodda huma iktar persważivi minn dawk li jikkontestawha.

2. Interpretazzjoni litterali tal-Artikolu 7(12) u tal-Artikolu 11(6)

39. Fl-opinjoni tiegħi huwa loġiku li nibda l-analiżi tiegħi billi neżamina l-kliem użat fl-Artikolu 7(12) u fl-Artikolu 11(6) tad-Direttiva 2014/40.

40. Infakkar li l-Artikolu 7(12) tad-Direttiva 2014/40 jistipula li "[i]l-prodotti tat-tabakk għajr is-sigaretti u t-tabakk tal-brim għandhom ikunu eżentati mill-projbizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 1 u 7" u li "il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati […] sabiex tirtira dik l-eżenzjoni għal kategorija partikolari ta' prodott jekk ikun hemm bidla sostanzjali taċ-ċirkustanzi […]". Bl-istess mod, l-Artikolu 11(6) tad-Direttiva 2014/40 jistipula li "[i]l-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati […] sabiex tirtira l-possibbiltà li jingħataw eżenzjonijiet għal kwalunkwe kategorija partikolari tal-prodotti msemmija fil-paragrafu 1 jekk ikun hemm bidla sostanzjali taċ-ċirkustanzi […]".

41. Jidhirli li f'dan il-kuntest hemm żewġ elementi testwali li għandhom importanza partikolari.

42. L-ewwel nett, iż-żewġ dispożizzjonijiet jistabbilixxu rabta ċara bejn il-kategoriji ta' prodotti li *jibbenefikaw* (jew jistgħu jibbenefikaw) minn eżenzjonijiet u dawk li għalihom l-eżenzjonijiet jistgħu jiġu *rtirati*. Ir-rabta fl-Artikolu 7(12) tad-Direttiva 2014/40 hija strutturali: l-istess paragrafu ta' dik id-dispożizzjoni (i) jistipula eżenzjoni u (ii) jintroduċi l-possibbiltà li tiġi rtirata dik l-eżenzjoni. Ir-rabta fl-Artikolu 11(6) tad-Direttiva 2014/40 hija saħansitra iktar espliċita, peress li ssir permezz ta' *riferiment* għall-kategoriji ta' prodotti kkonċernati (l-istess kategoriji għal eżenzjoni u l-irtirar tal-eżenzjoni). Fl-opinjoni tiegħi, l-eżistenza ta' din ir-rabta hija element li, ovvjament, jappoġġja l-interpretazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet kif proposta mill-Irlanda, mill-Gvern Franċiż u mill-Kummissjoni.

43. It-tieni nett, iż-żewġ dispożizzjonijiet jirreferu għal "kategorija *partikolari* ta' prodott"[18]. Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali u l-Gvern Taljan jargumentaw li din l-espressjoni għandha tinftiehem bħala li tirreferi għall-prodotti tat-tabakk li jappartjenu għad-diversi kategoriji ddefiniti

[18] Enfasi miżjuda minni.

fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2014/40. Huma jargumentaw li konsegwentement, il-Kummissjoni ma għandhiex setgħa toħloq kategoriji ġodda ta' prodotti tat-tabakk billi tiżola grupp ta' prodotti (*in casu*, prodotti tat-tabakk imsaħħan) minn dawk li jaqgħu fid-definizzjoni ta' "prodotti tat-tabakk ġodda".

44. M'inix konvint minn dawn l-argumenti.

45. It-terminu "partikolari" ma huwiex iddefinit fid-Direttiva 2014/40. Madankollu, fid-dawl tal-istruttura kollha tad-direttiva, jidhirli li huwa raġonevoli li jinftiehem bħala sinonimu tal-kliem "indikat", "speċifiku" jew "ċertu"[19]. Essenzjalment, dak li ż-żewġ dispożizzjonijiet ifissru huwa, fl-opinjoni tiegħi, li kwalunkwe rtirar ta' eżenzjonijiet għandu jirrigwarda biss il-kategorija ta' prodotti li fir-rigward tagħhom kien hemm bidla sinjifikattiva ta' ċirkustanzi. L-irtirar ma jistax jestendi għal prodotti oħra - simili jew relatati. L-irtirar ta' eżenzjonijiet huwa, kif spjegat, eżerċizzju pjuttost mekkaniku li fih il-Kummissjoni tgawdi marġni ta' diskrezzjoni limitata.

46. Fid-Direttiva 2014/40 ma nara l-ebda element testwali jew kuntestwali li jissuġġerixxi li t-terminu "partikolari" għandu jinftiehem bħala "pre-eżistenti" jew "diġà ddefinit". Dan lanqas jirriżulta mit-tifsira normali tat-terminu.

47. Bl-istess mod, imkien fid-direttiva ma hemm indikazzjoni li t-terminu "kategoriji ta' prodotti" fl-Artikolu 7(12) u fl-Artikolu 11(6) tad-Direttiva 2014/40 jirreferi għal dawk iddefiniti fl-Artikolu 2 tagħha.

48. F'dan ir-rigward, ma għandux jintesa li, sabiex l-ewwel jiġu ddefiniti l-prodotti li jaqgħu fil-portata tagħha, kif ukoll sabiex jiġi stabbilit liema settijiet ta' regoli japplikaw għal liema prodotti, id-Direttiva 2014/40 tuża varjetà ta' definizzjonijiet sabiex tikkategorizza l-prodotti rilevanti. Il-prodotti kkonċernati huma, fil-fatt, miġbura f'diversi gruppi, sottogruppi u kategoriji. B'mod sempliċi, dawn huma kif ġej: (i) id-direttiva tapplika għal "prodotti tat-tabakk" u għal ċerti prodotti relatati mat-tabakk (jiġifieri prodotti mhux tat-tabakk)[20]; (ii) prodotti tat-tabakk jistgħu jinqasmu bejn "prodotti tat-tabakk li ma jdaħħanx" u "prodotti tat-tabakk għat-tipjip"; (iii) prodotti tat-tabakk li jaqgħu f'dawn iż-żewġ gruppi mbagħad jinqasmu f'kategoriji speċifiċi; u (iv) prodotti li ma jaqgħux fil-kategoriji speċifiċi eżistenti u li jidħlu fis-suq wara d-data tat-traspożizzjoni tad-direttiva huma kkunsidrati "prodotti tat-tabakk ġodda"[21].

49. Il-kumplessità ta' din l-iskema hija kkumplikata b'żewġ elementi addizzjonali. L-ewwel nett, id-Direttiva 2014/40 taċċetta li hemm prodotti li, minħabba l-karatteristiċi jew l-użu intenzjonat tagħhom, jaqgħu f'żewġ jew iktar kategoriji speċifiċi[22]. It-tieni nett, id-direttiva tindika li "prodotti tat-tabakk ġodda" jistgħu jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' prodotti tat-tabakk li ma jdaħħanx jew ta' prodotti tat-tabakk għat-tipjip[23].

[19] Fil-fatt, it-terminu "ċertu kategoriji" jidher fl-Artikolu 24(3) tad-Direttiva 2014/40. Din id-dispożizzjoni tippermetti lill-Istati Membri "jipprojbixx[u] ċerti kategoriji ta' prodotti tat-tabakk jew relatati miegħu [li huma konformi mad-direttivi], abbażi tas-sitwazzjoni speċifika f'dak l-Istat Membru u dment li d-dispożizzjonijiet huma ġustifikati mill-bżonn li tiġi protetta s-saħħa pubblika". Mistoqsija waqt is-seduta jekk dik id-dispożizzjoni hijiex applikabbli għal prodotti tat-tabakk ġodda, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali ma ħadux pożizzjoni soda (l-ewwel, wieġbu fin-negattiv u sussegwentement ammettew li forsi setgħet kienet applikabbli), filwaqt li l-Gvern Taljan ħa l-pożizzjoni li tapplika. Min-naħa tiegħi, ma nara l-ebda raġuni li abbażi tagħha l-Artikolu 24(3) tad-Direttiva 2014/40 jista' jitqies bħala mhux applikabbli għal prodotti tat-tabakk ġodda.

[20] Prodotti bħal "prodotti erbali għat-tipjip", "sigaretti elettroniċi" u "kontenituri ta' rikarika".

[21] Artikolu 2(14) tad-Direttiva 2014/40.

[22] Ara l-premessa 9 u l-Artikolu 2(13) tad-Direttiva 2014/40.

[23] Artikolu 19(4) tad-Direttiva 2014/40.

50. F'dan l-isfond, naqbel mar-rikorrenti fil-kawża prinċipali li l-Kummissjoni ma għandhiex is-setgħa li tibdel il-gruppi u l-kategoriji stipulati fid-Direttiva 2014/40, jew tibdel id-dispożizzjonijiet sostantivi applikabbli għalihom. Madankollu, mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti ma jirriżultax li l-lista ta' kategoriji "partikolari" hija magħluqa u eżawrjenti. Li kieku dak kien hekk, l-Artikolu 2(14)(a) tad-Direttiva 2014/40 – li jistipula li prodotti tat-tabakk ġodda huma dawk li, *inter alia*, "ma jaq[għu] taħt l-ebda waħda mill-kategoriji li ġejjin: sigaretti, tabakk tal-brim, tabakk tal-pipa, tabakk tal-pipi tal-ilma, sigarri, sigarri żgħar, tabakk tal-magħda, tabakk tal-imnieħer jew tabakk għall-użu orali;"[24] – ikun ġie fformulat b'mod stramb peress li dawk il-kategoriji essenzjalment jeżawrixxu dawk elenkati fl-Artikolu 2. Fil-fatt, il-kliem jissuġġerixxi li, tal-inqas potenzjalment, jista' jkun hemm kategoriji *oħra* ta' prodotti tat-tabakk. Barra minn hekk, jekk il-kategoriji jikkorrispondu ma' dawk li – skont ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali u l-Gvern Taljan – jiffurmaw il-"kategoriji partikolari" imsemmija fl-Artikolu 7(12) u fl-Artikolu 11(6) tad-Direttiva 2014/40, għaliex dik l-espressjoni ma ntużatx ukoll fl-Artikolu 2(14)(a) tagħha?

51. Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fi Planta Tabak[25] – li għaliha sar riferiment mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali – ma tikkontestax dan. F'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja sempliċement ikkonfermat li (i) ċerti kategoriji ta' prodotti ddefiniti fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2014/40 huma verament "kategoriji ta' prodotti" fis-sens tal-Artikolu 7 tagħha; u (ii) il-kunċett ta' "kategoriji ta' prodotti" għandu jiġi interpretat b'mod konsistenti matul id-direttiva. Ma narax kif xi silta minn din is-sentenza tappoġġja l-perspettiva li kategoriji ta' prodotti jistgħu jkunu biss dawk iddefiniti fl-Artikolu 2 tad-direttiva.

52. Fil-fatt, huwa veru – kif enfasizzat mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali – li ebda dispożizzjoni ma tippermetti b'mod espress lill-Kummissjoni toħloq kategoriji ta' prodott ġodda. Madankollu, huwa daqstant ieħor veru li l-ebda dispożizzjoni ma tipprojbixxiha b'mod espress milli tagħmel dan. Għalhekk, jekk il-Kummissjoni tistax tagħmel dan b'mod validu jiddependi minn, fl-opinjoni tiegħi, jekk dan jistax jitqies bħala *neċessarju* sabiex tiġi żgurata l-eżekuzzjoni korretta tas-setgħat iddelegati lilha bl-Artikolu 7(12) u l-Artikolu 11(6) tad-Direttiva 2014/40.

53. Jekk dawk id-dispożizzjonijiet huma applikabbli wkoll għal prodotti tat-tabakk ġodda, allura l-Kummissjoni *għandha* tkun tista' toħloq kategorija ta' prodotti ġdida. Fil-fatt, kif spjegat, dawk id-dispożizzjonijiet jagħtu s-setgħa lill-Kummissjoni tieħu azzjoni biss fir-rigward ta' kategoriji partikolari ta' prodotti u jkun assurd li "prodotti tat-tabakk ġodda" jitqiesu bħala waħda minn dawk il-kategoriji. Inkella, ikun ifisser li żieda sinjifikattiva fil-bejgħ ta' prodott ġdid tkun tirrikjedi lill-Kummissjoni tirtira l-eżenzjonijiet fir-rigward tal-prodotti tat-tabakk ġodda *kollha*, inkluż dawk li (f'termini ta' kompożizzjoni, metodu ta' konsum, karatteristiċi organolettiċi u l-bqija) ftit li xejn jaqblu ma' tal-ewwel u li, barra minn hekk, jista' wkoll ikollhom bejgħ limitat ħafna. Dan ikun qari assurd tad-direttiva.

54. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, il-kwistjoni kruċjali, fl-opinjoni tiegħi, hija dwar jekk hemmx elementi oħra fid-Direttiva 2014/40, minbarra dak li jiena nnotajt fil-punt 42 hawn fuq, li jindikaw li d-delega tas-setgħat lill-Kummissjoni li tirtira l-eżenzjonijiet tkopri wkoll prodotti tat-tabakk ġodda.

55. Jiena naħseb li hemm tali elementi.

[24] Enfasi miżjuda minni.

[25] Sentenza tat-30 ta' Jannar 2019 (C-220/17, EU:C:2019:76, punti 60 sa 67).

3. Interpretazzjoni kuntestwali tal-Artikolu 7(12) u tal-Artikolu 11(6) – l-ewwel parti

56. L-ewwel nett, jiena tal-opinjoni li, b'mod ġenerali, interpretazzjoni kuntestwali tal-Artikolu 7(12) u tal-Artikolu 11(6) tad-Direttiva 2014/40 tissuġġerixxi li l-Kummissjoni tista' wkoll tirtira l-eżenzjonijiet fir-rigward ta' ċerti prodotti tat-tabakk ġodda. Fil-fatt, għalkemm hemm elementi li jistgħu jissuġġerixxu interpretazzjoni oħra ta' dawn id-dispożizzjonijiet, dawk li jimmilitaw lejn marġni ta' diskrezzjoni ikbar għall-Kummissjoni sabiex timplimenta l-obbligi inkwistjoni huma iktar persważivi mill-oħrajn li jagħmlu l-oppost.

57. Qabelxejn, ma huwiex ikkontestat li r-regoli stipulati fid-Direttiva 2014/40 *ġeneralment* japplikaw għal prodotti tat-tabakk ġodda. F'dan ir-rigward, l-Artikolu 19(4) tad-Direttiva jistipula li "[p]rodotti tat-tabakk ġodda imqiegħda fis-suq għandhom jirrispettaw ir-rekwiżiti ta' din id-Direttiva", u li d-dispożizzjonijiet speċifiċi tad-direttiva li japplikaw għal prodotti tat-tabakk ġodda "[j]iddepend[u] fuq jekk dawn il-prodotti […] jaqgħux taħt id-definizzjoni ta' prodott tat-tabakk li ma jdaħħanx jew ta' prodott tat-tabakk għat-tipjip". Din ir-regola tirrifletti l-premessa 35 tad-direttiva, li tistipula li "[s]abiex jiġu żgurati kondizzjonijiet indaqs, il-prodotti tat-tabakk ġodda, li huma prodotti tat-tabakk kif definit f'din id-Direttiva, għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva".

58. Fid-dawl ta' dan, u peress li (i) ir-regoli dwar l-obbligi inkwistjoni u dwar l-eżenzjonijiet inkwistjoni huma applikabbli b'mod ċar għal prodotti tat-tabakk ġodda[26]; u (ii) ir-regoli dwar l-irtirar ma jeskludux b'mod espress "prodotti tat-tabakk ġodda"[27], jidher raġonevoli li jiġi preżunt li prodotti tat-tabakk ġodda għandhom jaqgħu ukoll fil-portata tar-regoli dwar l-*irtirar* tal-eżenzjonijiet.

59. Fuq kollox, li kieku l-leġiżlatur tal-Unjoni ried li jagħmel l-obbligi inkwistjoni inapplikabbli fir-rigward tal-prodotti tat-tabakk ġodda, kienx ikun iktar sempliċi li jiġu eskluži b'mod dirett dawk il-prodotti mill-portata tad-dispożizzjonijiet rilevanti, minflok ma jiġi stipulat, fl-istess ħin, obbligu fil-prinċipju u eżenzjoni li ma tistax tiġi rtirata minn dak l-obbligu.

60. Din il-pożizzjoni tidher li hija ikkorroborata mill-fatt li, fir-rigward tal-obbligi inkwistjoni, id-Direttiva 2014/40 tinkludi xi regoli speċjali għal ċerti gruppi jew kategoriji ta' prodotti bħal, pereżempju, "prodotti b'togħma karatterizzanti b'volum ogħla ta' bejgħ"[28], jew "sigaretti elettroniċi u kontenituri ta' rikarika"[29]. B'mod iktar ġenerali, fejn ċerti prodotti huma suġġetti għal regoli speċifiċi, u b'hekk ikollhom deroga mill-iskema ġenerali jew settorjali, id-dispożizzjonijiet tad-direttiva jagħmlu dan b'mod espliċitu[30].

61. Barra minn hekk, il-konstatazzjonijiet tiegħi wkoll jidhru li huma iktar konsistenti mal-qafas legali stipulat fl-FCTC u fil-Linji Gwida tiegħu. Il-Konvenzjoni Qafas, kif stipulat fil-premessa 7 tad-Direttiva 2014/40, torbot lill-Unjoni u lill-Istati Membri tagħha u għalhekk, għandha tiġi implimentata meta jiġu stipulati r-regoli fuq kwistjonijiet bħal dawk irregolati mid-Direttiva 2014/40. Fir-rigward tal-linji gwida FCTC, għalkemm ma għandhomx saħħa

[26] Ara l-punti 24 u 25 hawn fuq ta' dawn il-konklużjonijiet.

[27] Ara l-punti 40 u 42 hawn fuq ta' dawn il-konklużjonijiet.

[28] Ara l-premessa 16 tad-Direttiva 2014/40.

[29] Ara l-premessa 47 tad-Direttiva 2014/40.

[30] Ara, pereżempju, l-Artikolu 6, l-Artikolu 16(3) u l-Artikolu 30 tad-Direttiva 2014/40.

vinkolanti, huma xorta intiżi, skont l-Artikoli 7 u 9 tal-FCTC, sabiex jassistu l-partijiet kontraenti fl-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni [31]. Għal din ir-raġuni, il-leġiżlatur tal-Unjoni ddeċieda li jeħodhom inkunsiderazzjoni fid-Direttiva 2014/40 [32].

62. Għalkemm il-linji gwida FCTC jirreferu, f'diversi punti, għal prodotti tat-tabakk ġodda [33], ma jissuġġerixxux trattament inqas rigoruż ta' dawk il-prodotti meta mqabbel mal-prodotti eżistenti, b'mod partikolari fir-rigward ta' miżuri li jirrigwardaw ingredjenti u tikkettar [34]. L-istess japplika għall-FCTC: l-ebda dispożizzjoni f'dik il-Konvenzjoni ma tissuġġerixxi li dawk il-prodotti jistgħu jkunu eżentati b'mod temporanju mir-regoli ġenerali waqt li qiegħed jiġi evalwat l-impatt tagħhom fuq is-suq u s-saħħa pubblika [35].

63. B'dan il-mod, ma nsib xejn fl-elementi rilevanti tal-kuntest li jikkontradixxi l-konstatazzjoni li l-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tirtira l-eżenzjonijiet fir-rigward ta' uħud mill-prodotti tat-tabakk ġodda. Minkejja dan, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali u l-Gvern Taljan jirreferu għal elementi oħra kuntestwali li, fl-opinjoni tagħhom, jappoġġjaw il-pożizzjoni tagħhom. Jiena ser nevalwa dawk l-argumenti hawn taħt.

4. Interpretazzjoni kuntestwali (u storika) tal-Artikolu 7(12) u tal-Artikolu 11(6) – it-tieni parti

64. Qabelxejn, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali jargumentaw li interpretazzjoni "wiesgħa" tal-Artikolu 7(12) u tal-Artikolu 11(6) tad-Direttiva 2014/40, li tagħmilhom applikabbli għal prodotti tat-tabakk ġodda wkoll, ma tistax tiġi rrikonċiljata mar-regoli stipulati fl-Artikolu 19(1) u fl-Artikolu 28 tagħha. Dawn id-dispożizzjonijiet juru – skont il-partijiet – li l-leġiżlatur tal-Unjoni ried skema speċjali għal prodotti tat-tabakk ġodda.

65. L-Artikolu 19(1) jistabbilixxi sistema ta' notifika lill-awtoritajiet nazzjonali qabel mal-prodotti tat-tabakk ġodda jitqiegħdu fis-suq. L-informazzjoni mogħtija għandha tinkludi, *inter alia*, "deskrizzjoni dettaljata tal-prodott tat-tabakk ġdid ikkonċernat kif ukoll struzzjonijiet dwar l-użu tiegħu u informazzjoni dwar l-ingredjenti u l-emissjonijiet". L-Artikolu 28 tal-istess direttiva jitlob lill-Kummissjoni tipproduċi, "kull meta jkun meħtieġ", rapport dwar l-applikazzjoni tad-direttiva. F'dak ir-rapport, il-Kummissjoni għandha tagħti attenzjoni speċjali għal, *inter alia*, "l-iżviluppi tas-suq li jikkonċernaw prodotti tat-tabakk ġodda" u "l-iżviluppi tas-suq li jikkostitwixxu bidla sostanzjali taċ-ċirkostanzi". Dak ir-rapport għandu jkun segwit minn "proposti li jemendaw […] id-Direttiva, li l-Kummissjoni tqis meħtieġa […]".

66. Ċertament, dawk iż-żewġ dispożizzjonijiet jistgħu, mal-ewwel daqqa ta' għajn, jinqraw bħala li jissuġġerixxu li, fir-rigward ta' prodotti tat-tabakk ġodda, il-leġiżlatur tal-Unjoni għażel approċċ ta' "nistennew u naraw", billi rriżerva d-deċiżjoni tiegħu dwar kif għandhom jiġu rregolati għall-futur fiż-żmien [36].

67. Madankollu, fil-fehma tiegħi, ħarsa iktar mill-viċin turi li dawk id-dispożizzjonijiet għandhom jinqraw b'mod differenti.

[31] Ara s-sentenza tal-4 ta' Mejju 2016, Philip Morris Brands *et* (C-547/14, EU:C:2016:325, punt 111).

[32] Ara l-premessi 15 u 24 tad-Direttiva 2014/40.

[33] Ara l-paġni 70, 78 u 85 tal-linji gwida FCTC.

[34] Ara, b'mod partikolari, il-paġni 33 sa 41, 61 u 62 tal-linji gwida FCTC.

[35] Ara, b'mod partikolari, l-Artikoli 9 u 11 tal-Konvenzjoni.

[36] Ara wkoll il-premessa 34 ("[…] huwa importanti li jiġu mmonitorjati l-iżviluppi rigward prodotti tat-tabakk ġodda") u l-premessa 52 ("ir-rapport għandu jinkludi informazzjoni dwar […] l-iżviluppi tas-suq li jikkonċernaw prodotti tat-tabakk ġodda [u] l-iżviluppi tas-suq li jammontaw għal bidla sostanzjali ta' ċirkostanza") tad-Direttiva 2014/40.

68. L-ewwel nett, approċċ ta' "nistennew u naraw" jidher li ma huwiex kompatibbli mal-kliem ċar tal-premessa 35 u tal-Artikolu 19(4) tad-Direttiva 2014/40 – imfakkra fil-punt 57 hawn fuq – li jirrikjedi li dawk il-prodotti josservaw ir-rekwiżiti tad-direttiva. Barra minn hekk, jekk l-uniċi rekwiżiti rilevanti kienu dawk li jirriżultaw mill-Artikolu 19 tad-direttiva, kif argumentat mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, it-tieni sentenza tal-Artikolu 19(4) ("liema mid-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva japplikaw għall-prodotti tat-tabakk ġodda tiddependi fuq jekk dawn il-prodotti ma jaqgħux taħt id-definizzjoni ta' prodott tat-tabakk li ma jdaħħanx jew ta' prodott tat-tabakk għat-tipjip") ma tagħmilx sens. Fil-fatt, huwa ċar li l-obbligi ta' notifika stipulati fl-Artikolu 19(1) u (2) jikkonċernaw iż-żewġ gruppi ta' prodotti. L-espressjonijiet "[l]iema mid-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva japplikaw" inklużi fl-Artikolu 19(4) jistgħu jirreferu biss għad-dispożizzjonijiet *sostantivi* tad-direttiva, inkluż dawk dwar ingredjenti u tikkettar.

69. It-tieni nett, ix-xogħol preparatorju ma jindikax li l-għażla tal-leġiżlatur kienet li jagħti lill-prodotti tat-tabakk ġodda l-benefiċċju tad-dubju, iżda bil-kontra: prodotti tat-tabakk ġodda għandhom jibqgħu suġġetti b'mod sħiħ għar-*regoli ġenerali* tad-direttiva waqt li l-effetti tagħhom fuq is-saħħa u l-prattiċi ta' konsum qegħdin jiġu studjati. Regoli iktar stretti mbagħad jistgħu jiġu adottati fil-futur, jekk ikun xieraq.

70. Dan huwa sostnut mill-valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni ppubblikat fl-2012. L-għażla regolatorja ppreferuta tal-Kummissjoni għal prodotti tat-tabakk ġodda kienet is-segwenti: "Huwa introdott obbligu ta' notifika għal prodotti tat-tabakk ġodda […] u rapport dwar l-iżvilupp tas-suq f'dawn il-prodotti jinħareġ mill-Kummissjoni ħames snin wara t-traspożizzjoni tad-[Direttiva tat-tabakk il-ġdida]. Prodotti tat-tabakk ġodda mqiegħda fis-suq għandhom josservaw ir-regoli dwar it-tikkettar (twissijiet dwar is-saħħa fuq iż-żewġ naħat) u r-regoli dwar l-ingredjenti (projbizzjoni fuq prodotti b'togħmiet karatterizzanti)." [traduzzjoni mhux uffiċjali] Interessanti li ebda waħda mill-għażliet regolatorji evalwati fil-valutazzjoni tal-impatt ma tappoġġja l-argumenti mressqa mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali [37].

71. Dan l-approċċ (ko-eżistenza ta' proċedura ta' notifika u applikazzjoni awtomatika tar-regoli ġenerali) huwa rifless b'mod sħiħ fil-Memorandum ta' Spjegazzjoni, li jakkumpanja l-proposta għal Direttiva tal-Kummissjoni, imressqa fl-2012. Fil-fatt, fit-Taqsima 3.6 tiegħu (intitolata "Prodotti tat-tabakk innovattivi", il-Kummissjoni kitbet:

"Il-prodotti tat-tabakk innovattivi […] se jkollhom jirrispettaw ir-rekwiżiti tad-Direttiva (eż. f'termini tal-ittikkettar u tal-ingredjenti) biex jiġu żgurati kundizzjonijiet indaqs, u r-regoli applikabbli se jiddependu fuq jekk il-prodott jinvolvix proċess ta' kombustjoni jew le.

Il-proposta tipprevedi *wkoll* obbligazzjoni ta' notifika għal prodotti tat-tabakk innovattivi u l-Kummissjoni se toħroġ rapport dwar l-iżvilupp tas-suq f'dawn il-prodotti ħames snin wara l-iskadenza tat-traspożizzjoni tad-Direttiva. […]" [38]

72. It-tielet nett, il-konstatazzjonijiet preċedenti jidhru li huma kkonfermati minn ġurisprudenza eżistenti. Fis-sentenza tagħha f'Philip Morris Brands *et*, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li, bid-Direttiva 2014/40, il-leġiżlatur tal-Unjoni "iddeċieda li jadotta *regoli uniformi għall-prodotti tat-tabakk kollha* li fihom togħma karatterizzanti" [39]. Dan ma huwiex ikkontestat bil-punt 32

[37] Dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni - Valutazzjoni tal-impatt - Jakkumpanja d-dokument "Proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar il-manifattura, il-preżentazzjoni u l-bejgħ tat-tabakk u prodotti relatati", SWD (2012) 452 finali, p. 50 sa 52, 74 sa 76 u 117.

[38] Enfasi miżjuda minni.

[39] Sentenza tal-4 ta' Mejju 2016 (C-547/14, EU:C:2016:325, punt 108). Enfasi miżjuda minni.

tas-sentenza Swedish Match[40]. Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali jargumentaw li, f'dik is-silta, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li prodotti tat-tabakk ġodda, peress li l-effetti tagħhom fuq is-saħħa u l-prattiċi ta' konsum kienu għadhom ma jistgħux jiġu aċċertati, tpoġġew fil-portata tad-Direttiva 2014/40 sabiex jiġu suġġetti għall-proċedura ta' notifika.

73. Jiena ma naqbilx. F'dik is-silta, il-Qorti tal-Ġustizzja riedet tenfasizza li, differenti mit-tabakk għal użu orali, il-bejgħ ta' prodotti tat-tabakk ġodda *ma kienx ipprojbit* għaliex l-impatt tagħhom fuq is-saħħa pubblika u d-dinamiċi tas-suq ma kienx magħruf. Dan huwa ċar meta dik is-silta tas-sentenza tinqara fil-kuntest proprju tagħha. Dak li l-Qorti tal-Ġustizzja kienet qiegħda tikkunsidra kien jekk id-Direttiva 2014/40 kinitx tikser il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, inkwantu tipprojbixxi t-tqegħid fis-suq ta' prodotti tat-tabakk għall-użu orali filwaqt li tippermetti l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tat-tabakk oħra, inkluż prodotti tat-tabakk ġodda. F'dan ir-rigward, ma għandux jintesa li waħda mill-għażliet regolatorji kkunsidrata matul il-proċess li eventwalment wassal għall-adozzjoni tad-Direttiva 2014/40 kienet li tiġi introdotta projbizzjoni assoluta fuq il-bejgħ ta' prodotti tat-tabakk ġodda, kif kien diġà l-każ għat-tabakk għall-użu orali[41].

74. Ir-raba' nett, il-qari tal-Artikoli 19 u 28 tad-Direttiva 2014/40 kif propost mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali ma huwiex sostnut mit-test u mill-għan ta' dawk id-dispożizzjonijiet, li għandhom għan wiesa' u ma jikkonċernawx b'mod speċifiku l-obbligi inkwistjoni.

75. Is-sistema ta' notifika stipulata fl-Artikolu 19 u fl-Artikolu 28(2)(b) tad-Direttiva 2014/40 isservi diversi għanijiet b'mod partikolari: (i) sabiex tippermetti lill-Istati Membri jawtorizzaw it-tqegħid fis-suq ta' dawk il-prodotti (jekk ikollhom sistema bħal din fis-seħħ)[42]; (ii) sabiex tistabbilixxi liema settijiet ta' dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2014/40 japplikaw[43]; u (iii) sabiex iżommu l-awtoritajiet tal-UE u dawk nazzjonali aġġornati bi żviluppi tas-suq u xjentifiċi rilevanti għal eventwali emendi tad-direttiva[44]. L-Artikolu 19 tad-Direttiva 2014/40 ma jorbotx, b'mod espliċitu jew impliċitu, in-notifika inkwistjoni mal-bżonn tal-leġiżlatur tal-Unjoni li jistabbilixxi jekk l-obbligi inkwistjoni għandhomx jsiru applikabbli, bl-irtirar tal-eżenzjonijiet.

76. Fir-rigward tal-Artikolu 28 tad-Direttiva 2014/40, jidhirli li huwa pjuttost ovvju li leġiżlazzjoni li tapprossimizza l-liġijiet tal-Istati Membri dwar il-manifattura, il-preżentazzjoni u l-bejgħ tat-tabakk u prodotti relatati jista' jkollha bżonn reviżjonijiet regolari matul iż-żmien, peress li s-suq qiegħed jevolvi b'mod kostanti (prodotti eżistenti jistgħu jinbidlu, prodotti ġodda jitqiegħdu fis-suq u l-preferenzi tal-konsumaturi jinbidlu) u studji xjentifiċi ġodda jsiru disponibbli. Huwa daqstant ovvju li l-leġiżlatur tal-Unjoni jista' jkun irid jemenda l-qafas legali – kemm fir-rigward tal-prinċipji ġenerali u definizzjonijiet, u r-regoli iktar speċifiċi fuq obbligi, eżenzjonijiet u irtirar ta' eżenzjonijiet – sabiex ikun jista' jadatta dawk ir-regoli għal, *inter alia*, il-karatteristiċi speċifiċi ta' prodotti tat-tabakk li daħlu fis-suq wara l-adozzjoni tad-Direttiva 2014/40.

77. Naturalment, b'konformità mal-prinċipju *a maiori ad minus* (min jista' jagħmel iktar jista' wkoll jagħmel inqas)[45], il-leġiżlatur tal-Unjoni jista', billi jagħmel dan, jiddeċiedi wkoll fuq kwistjonijiet li fil-konfront tagħhom ikun iddelega setgħat lill-Kummissjoni. Għalhekk, ma narax li

[40] Sentenza tat-22 ta' Novembru 2018 (C-151/17, EU:C:2018:938).

[41] Ara l-valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni, p. 50 sa 52.

[42] Artikolu 19(3) tad-Direttiva 2014/40.

[43] Artikolu 19(4) tad-Direttiva 2014/40.

[44] Artikolu 28(2)(b) tad-Direttiva 2014/40.

[45] Ara, pereżempju, is-sentenza tat-13 ta' Mejju 2003, Il-Kummissjoni vs Spanja (C-463/00, EU:C:2003:272, punt 41).

r-riferimenti għal prodotti tat-tabakk ġodda u l-eventwali bidla taċ-ċirkustanzi nklużi fl-Artikolu 28 tad-Direttiva 2014/40 bħala li jipprekludu l-interpretazzjoni tal-Artikolu 7(12) u tal-Artikolu 11(6) tagħha kif difiża mill-Irlanda, mill-Gvern Franċiż u mill-Kummissjoni.

78. Il-ħames nett, approċċ ta' "nistennew u naraw" ma jkunx konformi mal-prinċipju ta' prekawzjoni – stabbilit, b'mod partikolari, fl-Artikolu 35 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, fl-Artikolu 9 TFUE, fl-Artikolu 114(3) TFUE u fl-Artikolu 168(1) TFUE [46] – li, skont ġurisprudenza konsistenti, huwa applikabbli fejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jadottaw, taħt il-politika dwar is-suq intern, miżuri ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem [47]. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet b'mod konsistenti li, meta jkun hemm inċertezzi dwar l-eżistenza jew il-portata ta' riskji għas-saħħa tal-bniedem, il-leġiżlatur tal-Unjoni jista', fid-dawl ta' dan il-prinċipju, jieħu miżuri ta' protezzjoni mingħajr ma jkun meħtieġ li jiġu pprovati kompletament ir-realtà u l-gravità ta' dawn ir-riskji [48].

79. Fuq kollox, is-sistema bbażata fuq tliet kriterji stabbilita bid-Direttiva 2014/40 fir-rigward tal-obbligi inkwistjoni (regola ġenerali/eżenzjoni/irtirar tal-eżenzjoni) tidher kemxejn żbilanċjata jekk it-tielet kriterju tagħha jitneħħa fil-konfront ta' ċerti prodotti. Nerġa' niġi lura għal dan il-punt fit-Taqsima 6 hawn taħt.

5. Interpretazzjoni kuntestwali tal-Artikolu 7(12) u tal-Artikolu 11(6) – it-tielet parti

80. Barra minn hekk, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali jirreferu għall-Artikolu 2(28) tad-Direttiva 2014/40, li jistipula li "bidla sostanzjali taċ-ċirkustanzi" tirrikjedi żieda tal-volumi tal-bejgħ jew tal-livell ta' prevalenza tal-użu fil-grupp tal-konsumaturi li għandhom inqas minn 25 sena b'ċerti perċentwali (10 % u 5 %, rispettivament). Dawn il-livelli mhux faċilment jintlaħqu minn prodotti tat-tabakk ġodda – dawn il-partijiet jistaqsu – peress li dawn il-prodotti probabbilment jilħqu, meta jidħlu fis-suq, biss bejgħ minimu? Essenzjalment, huma jindikaw il-fatt li kwalunkwe espansjoni sinjifikattiva fis-suq faċilment tilħaq il-limitu ta' żieda ta' 10 % fil-bejgħ u b'hekk tiskatta l-irtirar tal-eżenzjonijiet.

81. Id-dubji tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali, sa ċertu punt, jinftiehmu. Madankollu, ma naħsibx li l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 2(28) tad-Direttiva 2014/40 jippenalizzaw b'mod inġust il-prodotti tat-tabakk ġodda.

82. L-ewwel nett, hemm rekwiżit relattivament għoli li għandu jiġi ssodisfatt minn kategorija ta' prodott (eżistenti jew ġdida) sabiex tali bidla taċ-ċirkustanzi sseħħ: il-volum ta' bejgħ tal-kategorija inkwistjoni għandu, fil-livell bl-imnut, jeċċedi t-2.5 % tal-bejgħ totali tal-prodotti tat-tabakk fil-livell tal-Unjoni. Jekk dan il-limitu ta' 2.5 % ma jintlaħaqx, ma jistax ikun hemm irtirar ta' eżenzjonijiet, irrispettivament mill-ammont ta' żieda tal-bejgħ jew żieda f'użu miż-żgħażagħ. F'suq li, fl-2020, kien stmat li jilħaq madwar 600 miljun unità [49], il-limitu ta' 2.5 % jiżgura – fl-opinjoni tiegħi – li huma biss prodotti li għandhom preżenza sinjifikattiva fl-Unjoni li jistgħu jkunu suġġetti għall-irtirar ta' eżenzjonijiet.

[46] Ara, f'dan ir-rigward, is-sentenza tal-4 ta' Mejju 2016, Pillbox 38 (C-477/14, EU:C:2016:324, punt 116).

[47] Ara, *inter alia*, is-sentenzi tal-1 ta' Ottubru 2019, Blaise *et* (C-616/17, EU:C:2019:800, punt 41 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[48] Ara, pereżempju, is-sentenza tat-22 ta' Novembru 2018, Swedish Match (C-151/17, EU:C:2018:938, punt 38 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[49] Rapport mill-Kummissjoni dwar l-istabbiliment ta' bidla sostanzjali taċ-ċirkustanzi għall-prodotti tat-tabakk imsaħħan f'konformità mad-Direttiva 2014/40 (COM(2022) 279 final, p. 4.

83. Barra minn hekk, żieda fil-bejgħ jew fil-livell ta' prevalenza tal-użu minn żgħażagħ tal-prodotti inkwistjoni għandha sseħħ f'tal-inqas ħames Stati Membri. Dan ir-rekwiżit għandu, inevitabbilment, l-effett li jeskludi prodotti li l-preżenza tagħhom fis-suq tal-Unjoni huwa ġeneralment lokali jew sempliċement marġinali.

84. Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, id-data tal-bejgħ użata sabiex tiġi evalwata bidla taċ-ċirkustanzi hija dik mibgħuta mill-manifatturi u l-importaturi stess *kull sena*. Dan mhux biss jiżgura l-kwalità tad-data, iżda wkoll li żidiet sporadiċi jew tranżitorji f'bejgħ ma jistgħux jiskattaw l-irtirar ta'eżenzjonijiet, peress li żidiet fil-bejgħ jistgħu jiġu stabbiliti biss billi jsir paragun ta' data annwali. Bl-istess mod, fir-rigward tal-prevalenza tal-użu fiż-żgħażagħ, id-direttiva tirrikjedi lill-Kummissjoni tibbaża l-evalwazzjoni tagħha fuq "ir-rapport Speċjali tal-Ewrobarometru nru 385 ta' Mejju 2012 jew studji ta' prevalenza ekwivalenti". Fl-opinjoni tiegħi, studji "ekwivalenti" ifissru studji li huma paragunabbli, f'termini ta' eżattezza u dettall, mar-rapport Speċjali tal-Ewrobarometru nru 385 ta' Mejju 2012: studju pjuttost iddettaljat tas-sitwazzjoni fis-swieq nazzjonali [50].

85. Għalhekk, ma nsibx li l-argumenti bbażati fuq l-Artikolu 2(28) tad-Direttiva 2014/40 imressqa mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali huma konvinċenti.

6. Interpretazzjoni teleoloġika tal-Artikolu 7(12) u tal-Artikolu 11(6)

86. It-tieni nett, li jiġi aċċettat il-fatt li s-sistema bbażata fuq tliet kriterji "regola ġenerali/eżenzjoni/irtirar tal-eżenzjoni" tapplika b'mod sħiħ għal prodotti tat-tabakk ġodda huwa konsistenti maż-żewġ għanijiet ġenerali tad-Direttiva 2014/40 [51].

87. Minn naħa waħda, hija ssaħħaħ is-suq intern, peress li twassal għal iktar regoli uniformi għal prodotti tat-tabakk ġodda [52]. Huwa veru li r-regolamentazzjoni ta' dawk il-prodotti hija ġeneralment kwistjoni tal-Istati Membri. Madankollu, l-impatt ta' deċiżjoni ta' rtirar f'dan ir-rigward huwa pjuttost limitat: huwa sempliċement jirrikjedi li ċerti prodotti tat-tabakk ġodda jsegwu r-regoli ġenerali dwar l-ingredjenti u t-tikkettar. Dan bl-ebda mod ma jfisser li l-kompetenza tal-Istati Membri dwar l-awtorizzazzjoni ta' dawn il-prodotti ssir ineffettiva, kif argumentat minn PJ Carroll.

88. Fil-fatt, deċiżjoni li jiżdied il-livell ta' armonizzazzjoni f'dan ir-rigward tkun konsistenti mal-perspettiva tal-leġiżlatur li n-nuqqas ta' approċċ armonizzat dwar l-ingredjenti u t-tikkettar kien qiegħed jaffettwa l-funzjonament bla xkiel tas-suq intern [53], u d-diverġenzi bejn il-liġijiet nazzjonali kienu mistennija jiżdiedu fil-futur [54].

89. Dan l-approċċ huwa konformi mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li jistabbilixxi li, "għalkemm l-użu tal-Artikolu 114 TFUE bħala bażi legali huwa possibbli għall-finijiet tal-prevenzjoni tal-ostakoli futuri għall-kummerċ minħabba l-iżvilupp eteroġenu tal-leġiżlazzjonijiet nazzjonali, il-possibbiltà ta' tali ostakoli għandha tkun verosimili u l-miżura inkwistjoni għandu jkollha bħala għan il-prevenzjoni tagħhom" [55]. Il-ġurisprudenza hija ċara wkoll

[50] Disponibbli online fuq il-websajt tal-Kummissjoni.

[51] Ara, b'mod partikolari, il-premessa 21 u l-Artikolu 1 tad-Direttiva 2014/40.

[52] Ara wkoll il-premessi 4 sa 6, 22 u 23 tad-Direttiva 2014/40.

[53] Ara l-premessa 15 tad-Direttiva 2014/40.

[54] Ara l-premessa 16 tad-Direttiva 2014/40.

[55] Ara s-sentenza tat-3 ta' Diċembru 2019, Ir-Repubblika Ċeka vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-482/17, EU:C:2019:1035, punt 35 u l-ġurisprudenza ċċitata).

li, sakemm il-kundizzjonijiet għall-użu tal-Artikolu 114 TFUE bħala bażi legali huma ssodisfatti, il-leġiżlatur tal-Unjoni ma jistax jiġi mċaħħad milli juża dik il-bażi legali minħabba l-fatt li l-protezzjoni tas-saħħa pubblika hija fattur deċiżiv fl-għażliet li għandhom isiru [56].

90. Dan jgħodd kemm għall-att inizjali u kwalunkwe emenda sussegwenti tiegħu. Fil-fatt, kif iddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja, il-leġiżlatur tal-Unjoni ma jistax jiġi mċaħħad mill-possibbiltà li jadotta Att li japprossimizza l-liġijiet tal-Istati Membri għal kull bidla taċ-ċirkustanzi jew żvilupp tal-konoxxenzi, fid-dawl tal-kompitu li huwa għandu li jiżgura l-protezzjoni tal-interessi ġenerali rrikonoxxuti mit-Trattat. F'tali sitwazzjoni, il-leġiżlatur tal-Unjoni jista' jissodisfa b'mod korrett il-kompitu li huwa għandu li jiżgura l-protezzjoni tal-interessi ġenerali rrikonoxxuti mit-Trattat biss jekk ikun possibbli għalih li jadatta l-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni għal tali bidliet [57]. Għalhekk, l-argument ta' PJ Carroll dwar kwistjoni potenzjali taħt l-Artikolu 168(5) TFUE – li jeskludi kwalunkwe armonizzazzjoni fil-qasam tal-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem – huwa manifestament infondat.

91. Min-naħa l-oħra, il-qari ssuġġerit minni tal-Artikolu 7(12) u tal-Artikolu 11(6) tad-Direttiva 2014/40 ukoll jagħmel l-istrument iktar effettiv fil-kisba ta' livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa, peress li konsumaturi jkunu protetti b'mod iktar effettiv kontra r-riskji minn prodotti tat-tabakk ġodda [58]. Ma għandux jintesa li, jekk l-irtirar ta' eżenzjonijiet fir-rigward ta' dawk il-prodotti kellu jiġi rriżervat għal-leġiżlatur tal-Unjoni, jiskadi neċessarjament perijodu sinjifikattiv ta' żmien qabel ma dan ikun jista' jiġi implimentat. Fil-fatt, l-emenda tad-direttiva tkun trid tgħaddi mill-proċedura normali tal-leġiżlazzjoni, u d-direttiva tkun trid tistabbilixxi data raġonevoli għat-traspożizzjoni tagħha. Min-naħa l-oħra, il-proċedura sabiex il-Kummissjoni tadotta att delegat hija, normalment, ħafna iktar mgħaġġla.

92. Il-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq jidhru li huma saħansitra iktar konvinċenti fid-dawl tal-enfasi tad-direttiva fuq iż-żgħażagħ [59]. Pereżempju, ir-raġuni tal-projbizzjoni tal-aromi hija sabiex tipprevjeni l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti li jistgħu jkunu partikolarment attraenti għaż-żgħażagħ u tista', għalhekk, tiffaċilita l-bidu tal-konsum tat-tabakk [60]. F'dak il-kuntest, jidher li huwa pjuttost loġiku li l-eżenzjoni minn dik il-projbizzjoni li tingħata lil prodotti tat-tabakk ġodda tista' tiġi rtirata malajr, jekk prodott ġdid tat-tabakk jieħu spinta f'perijodu relattivament qasir ta' żmien. Ma huwiex assurd li wieħed jaħseb li prodotti tat-tabakk ġodda jistgħu ħafna drabi jiġu kkonċepiti u kkummerċjalizzati sabiex jespandu l-bażi ta' konsumaturi ta' prodotti tat-tabakk, iktar milli sabiex iħajru klijenti eżistenti jibdlu l-prodott ta' preferenza tagħhom.

93. Huwa veru, kif ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali jenfasizzaw, li l-kategorija ta' "prodotti tat-tabakk ġodda" hija waħda wiesgħa u eteroġenja li tinkludi, *inter alia*, prodotti li fihom kwantitajiet limitati ta' tabakk. Fl-opinjoni tagħhom, inkwantu li dawn il-prodotti jistgħu jkunu inqas ta' perikolu għas-saħħa tal-bniedem, u l-impatt reali tagħhom fuq is-saħħa tal-bniedem jista' jvarja minn tip ta' prodott għall-ieħor, huwa raġonevoli li d-deċiżjoni dwar jekk l-eżenzjonijiet inkwistjoni għandhomx jiġu rtirati għandha titħalla f'idejn il-leġiżlatur tal-Unjoni.

[56] Ara, pereżempju, is-sentenza tal-4 ta' Mejju 2016, Philip Morris Brands *et* (C-547/14, EU:C:2016:325, punt 60 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[57] Ara s-sentenza tat-3 ta' Diċembru 2019, Ir-Repubblika Ċeka vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-482/17, EU:C:2019:1035, punti 38 u 39 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[58] Ara l-premessi 18, 21, 36, 43, 54, u 59, u l-Artikolu 1 tad-Direttiva 2014/40.

[59] Ara, b'mod partikolari, il-premessi 8, 19, 21, 26, 27 u 47, u l-Artikolu 1 tad-Direttiva 2014/40.

[60] Ara l-premessa 16, l-Artikolu 19(1)(c) u l-Artikolu 28(2)(g) tad-Direttiva 2014/40. Ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Mejju 2016, Philip Morris Brands *et* (C-547/14, EU:C:2016:325, punti 114 u 173).

94. Madankollu, jidher li, f'dan ir-rigward, il-leġiżlatur tal-Unjoni diġà ħa pożizzjoni ċara. Fil-fatt, kif imfakkar iktar 'il fuq, il-premessa 34 tistipula li "[i]l-prodotti kollha tat-tabakk għandhom il-potenzjal li jikkawżaw mortalità, morbożità u diżabilità. Għalhekk il-manifattura, id-distribuzzjoni u l-konsum tagħhom għandhom jiġu rregolati." B'mod sinjifikattiv, din il-premessa hija segwita mill-premessa 35, li tistipula li "[s]abiex jiġu żgurati kondizzjonijiet indaqs, il-prodotti tat-tabakk ġodda, li huma prodotti tat-tabakk kif definit f'din id-Direttiva, għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva".

95. Il-leġiżlatur tal-Unjoni għalhekk ikkunsidra li (i) il-prodotti *kollha* tat-tabakk huma perikoluży għas-saħħa tal-bniedem; u (ii) sabiex jiġu żgurati *kundizzjonijiet indaqs*, prodotti tat-tabakk ġodda għandhom ġeneralment isegwu l-istess regoli bħal dawk ta'prodotti tat-tabakk eżistenti.

7. Kunsiderazzjonijiet finali

96. Fl-aħħar nett, uħud mill-partijiet li ppreżentaw sottomissjonijiet irreferew għal ċerti siltiet ta' dokumenti differenti maħruġa mill-istituzzjonijiet tal-UE jew minn xi Stati Membri bħala li allegatament jappoġġjaw l-argumenti tagħhom.

97. Jiena ma sibt l-ebda waħda minn dawn ir-riferimenti partikolarment persważiva, għalkemm, meta bbilanċjati, jidhru pjuttost jikkorroboraw il-pożizzjoni tiegħi.

98. L-ewwel nett, ninnota li l-Memorandum ta' Spjegazzjoni li jakkumpanja l-proposta għal Direttiva tal-Kummissjoni[61], li diġà sar riferiment għalih fil-punt 71 hawn fuq, jinkludi kunsiderazzjonijiet oħra li, speċjalment jekk jittieħdu flimkien, jidhru li jikkonfermaw l-interpretazzjoni tal-Artikolu 7(12) u tal-Artikolu 11(6) issuġġerita mill-Irlanda, mill-Gvern Franċiż u mill-Kummissjoni. B'mod partikolari, dak id-dokument (i) fir-rigward tal-obbligi inkwistjoni, jidher li jagħti l-istess skop lill-eżenzjonijiet u l-irtirar tagħhom[62]; (ii) jindika li prodotti tat-tabakk ġodda għandhom josservaw ir-rekwiżiti tad-direttivi u li, f'termini ta' tikkettar u ingredjenti, ir-regoli applikabbli jiddependu (biss) fuq jekk il-prodott jinvolvix proċess ta' kombustjoni jew le[63]; u (iii) josserva li, fir-rigward tat-tikkettar u ingredjenti, "is-sitwazzjonijiet eteroġeni fl-Istati Membri wasslu għal sitwazzjoni fejn l-industrija jkollha tipproduċi linji differenti tal-prodott għal swieq differenti" u, b'hekk, li "[h]uwa *biss permezz ta'strateġija armonizzata* fil-livell tal-UE f'dawn l-oqsma li jistgħu jitneħħew l-ostakli għall-kummerċ transkonfinali u tiġi evitata l-frammentazzjoni, filwaqt li jiġi żgurat livell għoli u komparabbli ta' ħarsien tas-saħħa"[64].

99. Madankollu, sa fejn il-Memorandum ta' Spjegazzjoni jirrifletti l-istruttura u l-lingwa tal-proposta, il-valur miżjud ermenewtiku tiegħu ma għandux jiġi esaġerat.

100. Min-naħa tagħhom, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali jirreferu għar-rapport tal-Kummissjoni tat-2021 dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2014/40 rigward il-manifattura, il-preżentazzjoni u l-bejgħ tat-tabakk u prodotti relatati[65]. F'dak ir-rapport, il-Kummissjoni ddikjarat li "mingħajr il-flessibbiltà li *jiġu definiti kategoriji ta' prodotti ġodda*, huwa diffiċli li wieħed japplika regoli żviluppati għall-kategoriji eżistenti għal prodotti tat-tabakk ġodda, peress li mhux

[61] COM(2012) 788 final.

[62] Ara t-Taqsimiet 3.1 u 3.2 tal-Memorandum ta' Spjegazzjoni.

[63] Taqsima 3.6 tal-Memorandum ta' Spjegazzjoni.

[64] Taqsima 3.9.2 tal-Memorandum ta' Spjegazzjoni. Enfasi miżjuda minni.

[65] COM(2021) 249 finali.

neċessarjament ikunu adattati għall-karatteristiċi distinti tal-prodotti l-ġodda”[66]. Fid-dawl ta’ din id-dikjarazzjoni, ir-rikorrenti jallegaw li l-Kummissjoni espressament irrikonoxxiet in-nuqqas ta’ awtorità tagħha li toħloq kategoriji ta’ prodotti ġodda.

101. Din is-silta tar-rapport tal-2021 hija ċertament ambigwa. Madankollu, niddubita li l-qari tagħha mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali huwa korrett. Fl-opinjoni tiegħi, in-nuqqas ta’ flessibbiltà li dwarha tilmenta l-Kummissjoni tirrigwarda l-inabbiltà tagħha li toħloq kategoriji (jew sotto-kategoriji) ġodda li fir-rigward tagħhom l-applikazzjoni tar-regoli sostantivi tad-direttiva jistgħu jkunu varjati jew modulati. Kif naqraha jien, id-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni ma tirrigwardax il-kwistjoni (ħafna iktar ristretta fil-portata) dwar jekk kategoriji ġodda jistgħux jiġu stabbiliti għall-iskop tal-Artikolu 7(12) u tal-Artikolu 11(6) tad-Direttiva 2014/40. Fil-fatt, siltiet oħra tar-rapport jissuġġerixxu li l-Kummissjoni kkunsidrat possibbli l-irtirar ta’ eżenzjonijiet fir-rigward ta’ prodotti tat-tabakk ġodda, u tirreferi espressament għall-prodotti tat-tabakk imsaħħan[67].

102. Fi kwalunkwe każ, ma naħsibx li l-qari tad-direttiva mill-Kummissjoni, espress wara l-adozzjoni ta’ dak l-istrument legali, għandu jingħata piż żejjed meta titqajjem kwistjoni ta’ interpretazzjoni tal-liġi tal-Unjoni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja[68]. L-istess jgħodd, *mutatis mutandis*, għad-dikjarazzjonijiet magħmula mit-tliet Stati Membri li, matul il-proċedura tal-komitoloġija, esprimew l-opinjoni li, bl-adozzjoni tad-Direttiva Delegata 2022/2100, il-Kummissjoni kienet qiegħda teċċedi d-delega tas-setgħat tal-leġiżlatur tal-Unjoni.

103. Fil-fatt, meta mistoqsija waqt is-seduta jekk kinux jafu b’xi dokument preparatorju, b’mod partikolari mill-Parlament jew mill-Kunsill, li jappoġġja l-argumenti tagħhom (pereżempju, li jesprimi l-pożizzjoni, differenti minn dak propost mill-Kummissjoni, li prodotti tat-tabakk ġodda kellhom ikunu suġġetti għal sistema speċjali jew, fi kwalunkwe każ, iktar moderata), ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali essenzjalment irrispondew fin-negattiv.

104. Barra minn hekk, m’iniex konvint mill-argument tal-Gvern Taljan li, bil-ħolqien ta’ kategorija ta’ prodotti ġdida li tista’ tinkludi kemm prodotti tat-tabakk għat-tipjip u prodotti tat-tabakk li ma jdaħħanx, il-Kummissjoni ħolqot “*tertium genus*” li ma tidħolx fl-iskema tad-Direttiva 2014/40 peress li prodott tat-tabakk *bilfors* irid ikun jew ma jdaħħanx jew għat-tipjip.

105. Kif indikat fil-punt 49 hawn fuq, id-direttiva stess tirreferi għall-possibbiltà li ċerti prodotti jistgħu jaqgħu fid-definizzjonijiet ta’ żewġ kategoriji jew iktar u, f’dak il-każ, għandhom japplikaw ir-regoli iktar stretti. L-ebda dispożizzjoni tad-Direttiva 2014/40 ma tistipula regola ġenerali u mingħajr kundizzjoni li kull prodott f’kategorija partikolari għandu jsegwi l-istess regoli. Lanqas ma nara xi raġuni ta’ prinċipju, kategorija ta’ prodotti ġdida (*in casu*, prodotti tat-tabakk imsaħħan), stabbilita biss għall-finijiet tal-obbligi inkwistjoni, ma tistax tinkludi kemm prodotti tat-tabakk għat-tipjip u prodotti tat-tabakk li ma jdaħħanx.

106. Fl-aħħar nett, ma hemm l-ebda evażjoni tar-regoli ġenerali stabbiliti mil-leġiżlatur tal-Unjoni fl-att prinċipali peress li – u dan huwa pjuttost ċar għalija – l-obbligi tat-tikkettar li, skont l-Artikoli 9 u 10 tad-Direttiva 2014/40, japplikaw biss għal prodotti tat-tabakk għat-tipjip, u ma japplikawx għal prodotti tat-tabakk imsaħħan li ma jinvolvux proċess ta’ kombustjoni.

[66] Taqsima 7 (Enfasi miżjuda minni).

[67] Ara, b’mod partikolari, il-paġni 11 u 16 tar-rapport.

[68] Ara, f’dan ir-rigward, il-konklużjonijiet tiegħi fil-Kawżi magħquda Illumina u Grail vs Il-Kummissjoni (C-611/22 P u C-625/22 P, EU:C:2024:264, punti 74, 77 u 78).

107. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nikkonkludi li, bil-ħolqien ta' kategorija ta' prodott ġdid (prodotti tat-tabakk imsaħħan) u l-irtirar tal-eżenzjonijiet għal dik il-kategorija, il-Kummissjoni ma eċċedietx is-setgħat iddelegati lilha mil-leġiżlatur tal-Unjoni fl-Artikolu 7(12) u fl-Artikolu 11(6) tad-Direttiva 2014/40. B'hekk, l-eżami tal-ewwel domanda magħmula ma wera xejn li jista' jaffettwa l-validità tad-Direttiva Delegata 2022/2100.

B. It-tieni domanda

108. Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk id-Direttiva Delegata 2022/2100 hijiex invalida għaliex il-Kummissjoni ma kinitx intitolata tikkonkludi li kien hemm bidla sostanzjali taċ-ċirkustanzi, fis-sens tal-Artikolu 2(28), tal-Artikolu 7(12) u tal-Artikolu 11(6) tad-Direttiva 2014/40, fir-rigward tal-prodotti tat-tabakk imsaħħan, abbażi tal-bejgħ tal-unitajiet tal-prodott ("skont l-unità"). Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali jargumentaw li l-Kummissjoni messha minflok użat volum ta' bejgħ "skont il-piż" li kien jieħu inkunsiderazzjoni l-kwantità ta' tabakk involut.

109. Jiena ma naqbilx mar-rikorrenti fil-kawża prinċipali.

110. Meta jiddefinixxi f'hiex tikkonsisti "bidla sostanzjali taċ-ċirkustanzi", l-Artikolu 2(28) tad-Direttiva 2014/40 jirreferi għal "żieda tal-volumi tal-bejgħ skont il-kategorija tal-prodotti […] *abbażi tad-data tal-bejgħ trażmessa* f'konformità mal-Artikolu 5(6) […]"[69]. Din id-dispożizzjoni, għalhekk, ma tipprevedix il-mod li bih għandhom jiġu stabbiliti l-volumi tal-bejgħ, iżda tirreferi biss għal data tal-bejgħ li l-manifatturi u l-importaturi għandhom jirrapportaw lill-Istati Membri. F'dan ir-rigward, l-Artikolu 5(6) tad-Direttiva 2014/40 jistipula li "manifatturi u l-importaturi [għandhom] jirrapportaw il-volumi tal-bejgħ tagħhom għal kull ditta u tip, irrapportat *f'unitajiet jew kilogrammi*, u għal kull Stat Membru fuq bażi annwali […]"[70].

111. Iż-żewġ għażliet (skont il-piż u skont l-unità) huma previsti wkoll fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2186 li tistabbilixxi l-format għall-preżentazzjoni tal-informazzjoni dwar il-prodotti tat-tabakk u sabiex din issir disponibbli[71]. B'mod partikolari, l-Artikolu 2(1) ta' dik id-deċiżjoni jirrikjedi lill-manifatturi u lill-importaturi jissottomettu informazzjoni, *inter alia*, dwar volumi ta' bejgħ skont il-format ipprovdut fl-anness tagħha. It-Taqsima 3 tal-anness ("Il-preżentazzjoni tal-informazzjoni dwar il-prodott u deskrizzjoni tiegħu — Parti B"), tinkludi l-element "Volum_Bejgħ_Prodott", li jaqra kif ġej: "Informazzjoni dwar il-volum tal-bejgħ annwali tal-prodott f'kull Stat Membru, li għandu jiġi rrapportat kull sena *f'għadd ta' unitajiet tal-prodott* jew *f'kilogrammi għat-tabakk sfuż*"[72].

112. Fil-fatt, nifhem li r-rikorrenti fil-kawża prinċipali stess kienu, fis-snin mgħoddija, irrapportaw il-bejgħ tagħhom ta' prodotti tat-tabakk imsaħħan skont l-unità – kif inhu l-każ għall-maġġoranza kbira tal-prodotti tat-tabakk ikkummerċjalizzati fl-Unjoni Ewropea[73].

[69] Enfasi miżjuda minni.

[70] Enfasi miżjuda minni.

[71] Deċiżjoni tal-25 ta' Novembru 2015 (ĠU 2015, L 312, p. 5).

[72] Enfasi miżjuda minni.

[73] Jiena nifhem li, essenzjalment, hija biss data ta' bejgħ relatata mat-tabakk tal-brim, tabakk tal-pipa u tabakk tal-magħda li huma rrapportati skont il-piż.

113. Imkien ma huwa previst, fid-dispożizzjonijiet applikabbli, li l-Kummissjoni għandha tikkonverti data skont l-unità f'data skont il-piż. F'dan ir-rigward, jidher ukoll rilevanti – kif tirrimarka l-Irlanda – li l-Artikolu 2(28) tad-Direttiva 2014/40 jirrikjedi lill-Kummissjoni tivverifika "jekk il-volum tal-bejgħ *tal-kategorija ta' prodott* fil-livell bl-imnut [jeċċedix] 2.5 % *tal-bejgħ totali tal-prodotti tat-tabakk* fil-livell tal-Unjoni". Għalhekk jidher li d-data prinċipali eżaminata mill-Kummissjoni f'dan il-kuntest hija, skont il-leġiżlatur tal-Unjoni, dik li tirrigwarda l-unitajiet ta' prodotti mibjugħa, u mhux il-kwantità ta' tabakk użat f'dawk il-prodotti.

114. Fl-opinjoni tiegħi, dan l-approċċ huwa konsistenti ma' wieħed mill-għanijiet prinċipali segwiti mid-direttiva: it-tnaqqis tal-użu ta' prodotti tat-tabakk miż-żgħażagħ, b'mod partikolari billi jiġu skoraġġiti milli jibdew il-konsum. Ma għandux jintesa li, kif stabbilit hawn fuq, il-leġiżlatur tal-Unjoni ħa l-pożizzjoni li prodotti tat-tabakk għall-finijiet tad-Direttiva 2014/40 huma l-prodotti kollha li jikkonsistu "anki parzjalment, mit-tabakk," u li "[i]l-prodotti kollha tat-tabakk għandhom il-potenzjal li jikkawżaw mortalità, morbożità u diżabilità"[74].

115. Għalhekk, nikkonkludi li l-Kummissjoni ma żbaljatx meta evalwat l-possibbiltà ta' bidla sostanzjali taċ-ċirkustanzi fir-rigward ta' prodotti tat-tabakk imsaħħan abbażi ta' unitajiet ta' prodotti mibjugħa. Għalhekk, l-eżami tat-tieni domanda preliminari magħmula wkoll ma żvela xejn li jista' jaffettwa l-validità tad-Direttiva Delegata 2022/2100.

V. Konklużjoni

116. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, l-eżami tad-domandi magħmula mill-Qorti Għolja (l-Irlanda) ma żvela xejn li jista' jaffettwa l-validità tad-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2022/2100 tad-29 ta' Ġunju 2022 li temenda d-Direttiva 2014/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-irtirar ta' ċerti eżenzjonijiet fir-rigward tal-prodotti tat-tabakk imsaħħan.

[74] Artikolu 2(4) u premessa 34 tad-Direttiva 2014/40.